ID-DIPARTIMENT TAL-MALTI · IL-FAKULTÀ TAL-ARTI ·

2022

# RIĊERKATURI

ĦARĠA 4

GĦAŻLA TA' TEŻINI
TAL-BA (UNURI) FIL-MALTI

L-Università
ta' Malta

# Riċerkaturi

Id-Dipartiment tal-Malti
L-Università ta' Malta

Ħarġa 4
2022

Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti
© 2022 Id-Dipartiment tal-Malti, l-Università ta' Malta

Koordinazzjoni:
Prof. Michael Spagnol

Qari tal-Provi:
Dwayne Ellul

Disinn:
Panda
www.panda.com.mt

ISSN: 3005-642
ISBN: 978-99957-819-2-7

4. **It-Teżina**
Michael Spagnol

6. **Ma' Kull Qatra Semm li Sqejtna mal-Mejda: il-Piż tal-Familja fil-Poeżija ta' Antoine Cassar**
Jean Paul Borg

18. **L-Għana tal-Fatt fit-Tieni Nofs tas-Seklu Dsatax**
Ritianne Camilleri

26. **L-Għoti tal-Ġens Grammatikali lil Nomi Missellfa mill-Ingliż minn Oqsma Semantiċi Differenti**
Kyleen Ciantar

40. **Il-Vjolenza fir-Rumanzi ta' Ġużè Muscat Azzopardi**
Anthea Enriquez

52. **Il-Funzjoni Avverbjali ta' Forom Aġġettivali**
Deborah Muscat

72. **"O Mħabba!" – Il-Poeżiji ta' Victor Fenech Dwar l-Imħabba**
Francesca Marie Sacco

# It-Teżina

Fl-aħħar sena tal-kors tal-BA (Unuri) fil-Malti, l-istudenti jiktbu teżina, proġett ta' riċerka li, minkejja l-qosor tiegħu, jaqbad kwistjoni u jistħarriġha fid-dettall. Kull teżina tkun il-frott ta' riċerka oriġinali u tagħti kontribut ġdid, kbir jew żgħir, lill-istudju tal-lingwa jew tal-letteratura Maltija.

Id-Dipartiment tal-Malti jagħtiha importanza kbira lit-teżina tant li jorganizza seminar annwali li matulu numru ta' gradwati friski jippreżentaw ir-riċerka tagħhom lill-istudenti tal-ewwel grad; jiġbor uħud mix-xogħlijiet li jkunu spikkaw f'din ir-rivista annwali; u minn dis-sena beda jagħti żewġ premjijiet għall-aħjar teżini. Il-Premju Ġużè Aquilina għall-aħjar teżina fil-Lingwistika ngħata lil Deborah Muscat li għamlet xogħol dwar l-aġġettivi li jaqdu funzjoni avverbjali, u l-Premju Oliver Friggieri għall-aħjar teżina fil-Letteratura ngħata lil Jean Paul Borg li ttratta l-vjolenza dokumentata bil-poeżija konfessjonali ta' *Erbgħin Jum* ta' Antoine Cassar.

Nawguraw li b'dawn l-inizjattivi l-istudenti tal-Malti jkomplu jimpenjaw ruħhom fil-kitba tat-teżina li hi opportunità mill-isbaħ biex, huma u jesploraw suġġett bir-reqqa, jiksbu għadd ta' ħiliet fundamentali għat-tarġa li jmiss.

Michael Spagnol
Diċembru 2022

# Ma' Kull Qatra Semm li Sqejtna mal-Mejda: il-Piż tal-Familja fil-Poeżija ta' Antoine Cassar

Student:
Jean Paul Borg

Tutur:
Dr Immanuel Mifsud

## 1. Daħla

Minħabba l-influwenza Kattolika, sa qabel l-Indipendenza, dak li kien meqjus bħala l-fus tal-fidi kien meqjus ukoll il-fus tas-soċjetà. Dan kien jgħodd ukoll għall-kunċett tal-familja. Il-Kristjaneżmu kkontribwixxa għall-ispiritwalizzazzjoni taż-żwieġ u l-ħajja fil-familja, u ħoloq kultura ġdida vis-à-vis ir-relazzjoni bejn iż-żewġ imseħbin taż-żwieġ, u dik bejn il-ġenituri u l-ulied. Il-familja saret l-arketip tal-knisja nnifisha u għalhekk il-fus tal-Kristjaneżmu.

Dan irrifletta ruħu fil-poeżija Maltija ta' dak iż-żmien, speċjalment permezz ta' Dun Karm. Oliver Friggieri jikkummenta li Dun Karm dejjem jammira lill-familja u jaraha bħala l-qofol tas-sistema soċjali kollha. F'poeżiji bħal "Omm", "Univers Ieħor" u "Żjara lil Ġesù", id-dar tal-familja hija ppreżentata bħala santwarju, it-tarbija hija mwennsa mill-omm, waqt li l-missier huwa s-sid tad-dar u għalhekk kap tal-familja. Dan huwa wkoll eku tal-enċiklika *Rerum Novarum* tal-1891 tal-Papa Ljun XIII, li tqis lill-familja bħala predeċessur tas-soċjetà ċivili, lill-missier bħala kap tal-familja, u lill-ulied bħala proprjetà u espansjoni tal-personalità tiegħu.

Dun Karm ma kienx waħdu f'dan il-ħsieb; kull Romantiku eloġja lill-familja u qiesha bħala istituzzjoni naturali li ġejja minn Alla u għalhekk lil hinn mill-kritika. Il-familja hija dik il-ħaġa li għandu kulħadd, fqir jew sinjur, u għalhekk ta' min jiċċelebraha. Il-familja toffri wkoll struttura, kulħadd jaf fejn hu l-post tiegħu: il-missier — meqjus dejjem felħan, infallibbli u awtorevoli — fiċ-ċentru ta' kollox; l-omm li toffri l-imħabba sabiex tikkuntrasta ftit mad-dixxiplina ta' żewġha; u l-ulied li jservu ta' kontinwità tal-ġenituri, partikolarment tal-missier. Għar-Romantiċi, il-familja hija tant speċjali li l-proġett meqjum tagħhom tal-bini ta' nazzjon ġdid inbena fuq l-istess mudell tagħha.

Il-letteratura Realista miktuba fl-istess perjodu tatna kontenut differenti. Grima jirrimarka li l-preżentazzjoni Romantika tad-dar ġiet sfidata b'mod sistematiku għall-ewwel darba minn Ellul Mercer permezz tar-rumanz tiegħu *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (131). Waqt li omm Leli tidher mara ta' għaqal u ġabra, żewġha u mbagħad Leli nnifsu ma kinux l-irġiel ideali li l-Knisja Kattolika kienet tipproġetta: it-tnejn kienu adulteri u Leli saħansitra jsawwat lil martu. In-novella kienet ukoll mezz ta' inkjesta soċjali, u permezz tagħha Ellul Mercer jippreżenta familji disfunzjonali, b'missirijiet fil-ħabs, vjolenza domestika, eżempji ħżiena lill-ulied u prekarjetà minħabba l-qgħad.

Il-poeti Moderni, daqskemm ippreżentaw lilhom infushom bħala reazzjoni għar-Romantiċi offrew kontinwità mal-predeċessuri tagħhom fuq it-tema tal-familja. L-ilħna li sfidaw l-istatus quo familjari, bħal dak ta' Mario Azzopardi, kienu solitarji u ma rriflettewx il-fil tal-bqija tal-poeti. Kellhom ikunu l-poeti femminili li sfidaw dan l-istatus quo. Grech Ganado tat x'tifhem li l-familja, minkejja li waħda, tista' tiġi esperjenzata b'mod differenti mill-membri tagħha. Ir-raġel jista' jaħseb li l-familja hija istituzzjoni li s-soċjetà ma tgħaddix mingħajrha għax taqdi lilu. Poeti maskili tal-istess żmien berrħu l-vulnerabbiltà tagħhom, waqt li Nadia Mifsud kompliet fejn bdiet Grech Ganado u ddikjarat li 'l ġewwa mill-bieb ta' barra qiegħda sseħħ il-vjolenza, f'ambjent privat li jiffaċilitaha.

## 2. Il-Vjolenza f'*Erbgħin Jum*

Tul is-sekwenza poetika ta' *Erbgħin Jum*, il-vjolenza tfiġġ minn ħin għal ieħor u hija r-raġuni għala l-poeta mill-bidu nett jiddikjara li qiegħed iterraq letteralment u metaforikament f'penitenza sabiex "nindem minn kull

għelt, niskonġra l-biża'." Jeżistu diversi definizzjonijiet tal-vjolenza. Min-naħa tagħha, Kristine M. Jacquin tiddefiniha bħala att ta' forza fiżika li tikkawża jew għandha l-intenzjoni li twassal għal danni fiżiċi, psikoloġiċi jew taħlita tat-tnejn (1). Jacquin iżżid li minkejja li prima facie, il-vjolenza titqies bħala negattiva u ġġib stmerrija (għall-inqas f'soċjetà ċivili), hija mġiba umana relattivament komuni u sseħħ madwar id-dinja kollha minn nies ta' kull età. Fuq livell politiku, Hannah Arendt tqisha bħala d-denominatur komuni tas-seklu għoxrin (3). Min-naħa tiegħu, Massimo Recalcati jiddefinixxi l-vjolenza bħala l-aktar manifestazzjoni aborrenti ta' nuqqas ta' rispett lejn l-eżistenza ta' ħaddieħor (100).

## 2.1 Vjolenza Domestika

Minbarra diversi definizzjonijiet ta' vjolenza, jeżistu diversi tipi ta' vjolenza. Il-vjolenza dokumentata bil-poeżija konfessjonali ta' *Erbgħin Jum* isseħħ kollha kemm hi fil-privatezza tad-dar u bejn l-istess membri tal-familja, għalhekk hija esklussivament vjolenza domestika. Il-poeta jesperjenzaha fuqu nnifsu, u daqstant ieħor huwa xhud tagħha fuq ommu u ħutu. Kultant huwa jippreżenta lilu nnifsu bħala vjolenti, kif jidher f'indirizz metaforiku lil ommu li fih jistqarr "sirt ponn missieri f'wiċċek" ("XII").

Lil hinn mill-metafora, il-perpetratur vjolenti huwa dejjem il-missier, u l-istess perpetratur jidher li juża metodi differenti ta' vjolenza skont il-vittmi tiegħu. Fuq martu (omm il-poeta), huwa juża l-ponn, waqt li fuq il-poeta bħala ibnu juża ċ-ċinturin, kemm fuq dahru u kemm f'wiċċu, tant li f'"XX" jistqarr li xi drabi kellu jibqa' d-dar minħabba t-tbenġil f'wiċċu.

Meta l-poeta jitkellem fuq tfulitu, kważi dejjem jippreżenta lilu nnifsu bħala tifel ta' tmien snin, imma t-trawma tidher li bdiet minn ħafna qabel. Fi preżentazzjoni ta' ritratt familjari li ttieħed meta kellu tliet snin, ommu diġà għandha l-grif fuq wiċċha, waqt li huwa jinħass bl-innoċenza tiegħu diġà mitlufa u ttrawmatizzat: "Fuq ix-xellug hemm jien, tliet snin, flokk blu / niċċassa fil-vojt lanqas naf x'laqatni" (v. 8-9). It-trawma mhix esklussiva għalih: ħutu jgħaddu minnha wkoll. Wieħed minn ħutu jistaħba fid-dlam tar-rokna tal-gwardarobba, prova ta' trawma, u l-poeta jipprova jagħmillu kuraġġ biex joħroġ, imma mal-ewwel sinjal tar-ritorn tal-missier fid-dar jitlef dan il-kuraġġ u anki hu jsib il-faraġ fid-dlam tal-istess rokna tal-gwardarobba, għax fi kliemu "id-dlam fih inqas iħirsa mid-dawl." ("XX")

## 2.2 Is-Sindromu ta' Stokkolma

Minkejja din is-sofferenza u minkejja li f'*Erbgħin Jum* tinħass rabja kbira u xewqa rikorrenti ta' tpattija, għal perjodu fi tfulitu l-poeta ħassu qrib ta' missieru, issimpatizza miegħu, u minflok dar kontrih, ħadha kontra ommu, tant li jidher li r-relazzjoni tal-poeta ma' ommu ntilfet darba għal dejjem.

Il-vjolenza jidher li ġiegħlet lill-omm tabbanduna d-dar u konsegwentament ġiet imċaħħda minn uliedha meta l-poeta kien għad kellu tmien snin. Għalhekk, f'dan iż-żmien il-missier kellu kontroll assolut fuq il-poeta u ħutu fi żmien ta' dgħufija mill-akbar. Din l-imġiba tfakkar fis-Sindromu ta' Stokkolma, li Namnyak et al. jiddeskrivu bħala r-rabta emozzjonali pożittiva li jħossu vittmi ta' ħtif lejn min jaħtafhom (4). Waqt li fenomenu bħal dan jista' jkun diffiċli li jinftiehem, DL Graham, ikkwotat minn Namnyak (6), jikkonkludi li jeżistu erba' prekursuri għall-iżvilupp ta' dan is-sindromu: i) perċezzjoni ta' theddida għas-sopravivenza; ii) il-maħtufa jipperċepixxu element ta' tjubija minn min inħatfu f'kuntest ta' terrur; iii) il-maħtufa jkunu iżolati minn kull perspettiva għajr ta' dik ta' min ħatafhom; iv) il-maħtufa għandhom il-perċezzjoni li mhux kapaċi jaħarbu. Dawn l-erba' prekursuri kollha japplikaw fil-każ tal-poeta: i) ta' tmien snin ma setax ikampa waħdu; ii) f'dik l-età kull ġest żgħir ta' tjubija mill-missier seta' jidher kbir fiċ-ċirkostanzi; iii) bħala tifel ta' tmien snin, kien faċli jiġi ddominat minn missieru; iv) ta' tmien snin kien ikun impossibbli għalih jitlaq għal rasu. It-tielet punt, b'mod partikolari, jista' jiġi spjegat bil-versi f'"IV" li fihom il-missier jinterpreta lill-omm bħala mara li abbandunat lilu u lil ħutu u għalhekk mhix denja li tissejjaħ omm, u li faċilment tista' tiġi ssostitwita minn mara oħra: "tfittxuha xejn, insibilkom omm ġdida." "XII" toffri aktar ħsus li jorbtu mal-istess punt. Fiha Cassar jistqarr li għallmuh jobgħod lil ommu, bellgħulu mitt elf ġidba u, fuq kollox, "bqajt nixrob mis-semm sa beda jogħġobni."

Minkejja l-vjolenza tiegħu, il-missier jidher li jippreżenta lilu nnifsu quddiem ibnu bħala l-liberatur tiegħu. Recalcati jikkummenta li xi preġudizzji jwasslu biex l-omm titqies bħala ħabs fejn jinżamm it-tifel, waqt li l-missier huwa l-liberatur neċessarju tiegħu (*Mother's Hands* 4). Il-missier, bħala patrijarka, iġġustifika l-vjolenza tiegħu bħala sempliċi dixxiplina li għandu bżonn ibnu biex jitla' raġel bħalu. L-istess Recalcati jisħaq li l-kultura tal-patrijarkalità tqis lill-omm bħala persunaġġ ta' sagrifiċċju u li tiċħad lilha nnifisha. Il-maternità hija sempliċiment id-destin totali

ta' kull mara, anzi tal-femminilità nnifisha. Bħall-verżjoni skiżofrenika ta' Mani tal-moviment reliġjuż antik Manikeista, l-omm hija tajba waqt li l-mara hija ħażina (*Mother's Hands* 2). Il-missier jippretendi li minkejja l-vjolenza, l-omm għandha tissagrifika ruħha u tibqa' d-dar tiegħu ħsieb lil uliedu.

## 2.3 Il-Ħtija

Waqt li l-poeta hu vittma ta' vjolenza, igerrem fih għandu sens ta' ħtija daqslikieku kien hu l-perpetratur. Dan is-sentiment paradossali hu komuni f'każi ta' vjolenza. Fil-letteratura, dan ilu jiġi pproġettat sa minn żmien id-drammi ta' Shakespeare. Ruth Nadelhaft tagħti eżempju bid-dramm *Othello* (243). Desdemona tissawwat minn żewġha pubblikament u meta fuq is-sodda tal-mewt waħda mill-qaddejja tagħha tistaqsiha min għamlilha hekk, twieġeb li ħadd ma jaħti, u li kienet hi stess li wasslet lilha nnifisha għal dan l-istat. Nadelhaft targumenta li vittmi tal-vjolenza ħafna drabi jkollhom stima tant baxxa tagħhom infushom li jaħsbu li ma jixirqilhomx aħjar u allura jaċċettaw kull degradazzjoni. Renvoize tikkummenta wkoll li ħafna drabi l-irġiel li jsawtu lil marthom ma jħossuhomx ħatja tal-għemil tagħhom (42). Nadelhaft tirreferi għal studju tas-soċjologu Gelles li f'intervista partikolari ma' raġel li jsawwat lil martu, iġġustifika ruħu li l-għemil vjolenti tiegħu jattwah ma' martu biss, li hi tiegħu, u mhux man-nies b'mod ġenerali (250).

## 2.4 Il-Kawża u l-Effetti tal-Vjolenza

L-ewwel dehra ta' vjolenza f'*Erbgħin Jum* tidher fir-raba' poeżija, "IV," u fl-istess poeżija, Cassar jiddikjara l-kburija bħala l-kawża tagħha. L-aġir vjolenti tal-missier iċekken lil ibnu biex jagħlef lill-kburija tiegħu. Fl-istess poeżija, jimmetaforizza l-kburija ta' missieru bħala martell imwaħħal ma' idu li permezz tiegħu jsammar kliem ta' semm f'ras uliedu, "ma' kull kelma li sammartilna f'rasna / b'martell il-kburija mwaħħal ma' jdejk" (vv. 10-11). Għall-poeta, kif jidher f'"VI," il-kburija hija dijametrikament opposta għall-imħabba, "Kburija jew imħabba. Liem se nibla'?"

Bħala patrijarka, il-missier ra l-familja, fi kliem il-poeta bħala saltnatu, bih fiċ-ċentru tagħha u għalhekk ma setax jaċċetta li din tiġi mhedda, minkejja n-nuqqas ta' mħabba mill-bidu nett.
L-effetti li tħalli warajha l-vjolenza mhumiex biss il-grif u t-tbenġil instantanji fuq ġisem il-vittma. L-impatt tax-xebgħat u l-għajjat miġnun jidħol ħafna aktar fil-fond, lil

hinn mill-għajn, u jibqa' jinħass b'mod profond. Waqt li l-grif u t-tbenġil biż-żmien jitilqu, il-vjolenza tħalli feriti oħra li ma jiddewwewx.

McCarthy u Taylor jindividwaw ir-rabta li teżisti bejn esperjenzi ta' abbuż fit-tfulija u diffikultajiet biex bniedem jistabbilixxi relazzjoni intima fl-adultezza (465). Huma jikkwotaw lil Crowell u Treboux fit-teorija tagħhom li r-relazzjoni bejn il-ġenitur u l-wild hija l-prototip ta' relazzjonijiet ta' mħabba aktar tard fil-ħajja, kif ukoll jargumentaw li tfal li rċevew attenzjoni aktar sensittiva fi tfulithom ikollhom stima ogħla tagħhom infushom, ikollhom ego aktar b'saħħtu, reżiljenti u huma aktar b'saħħithom b'mod ġenerali minn tfal li ma kellhomx l-istess xorti.

## 3. Ir-Relazzjoni Romantika (li Tfalli) f'*Erbgħin Jum*

Mat-tema ċentrali tal-vjolenza din il-ġabra tiddokumenta r-relazzjoni ta' mħabba bejn il-poeta u persuna oħra li, bħall-bqija tal-karattri l-oħrajn, bl-eċċezzjoni tal-poeta nnifsu, hija anonima. L-eżitu ta' din ir-relazzjoni jivvalida l-konklużjoni ta' McCarthy u Taylor, u din ir-relazzjoni inevitabbilment tfalli.

### 3.1 Imħabba Narċisista

Fil-bidu nett tal-mixja tiegħu, fil-poeżija "I," il-poeta jiddikjara lilu nnifsu f'solitudni assoluta, "jien u dan ġismi," u fil-vjaġġ ippjanat tiegħu jidher li m'għandux ħsieb li jikser din is-solitudni, anzi jiddikjara espliċitament li mhu miexi fid-direzzjoni ta' ebda persuna oħra.

Il-poeżija sussegwenti, "II," tagħti aktar dawl għala l-poeta jiddikjara li mhux miexi lejn il-partijiet tal-ġisem imsemmija fil-poeżija preċedenti. Xi darba kienu jkunu jistennewh u kien jimxi lejhom imma issa m'għadux. L-istat solitarju, allura, mhuwiex daqstant għażla tal-poeta daqskemm riżultat ta' falliment ta' relazzjoni.

Ir-relazzjoni tidher li kienet marbuta fuq għan wieħed – it-tnizzil ta' għeruqu flimkien ma' għeruq il-maħbuba tiegħu fi gżira. Jidher ukoll li dan l-għan ma kienx kunsenswali. Il-poeta jidher li kellu xewqa u l-maħbuba kienet mezz biex tintlaħaq din ix-xewqa. Għalhekk, jidhru sinjali ta' mħabba narċisista. Recalcati jirrimarka li mħabba narċisista hija illużjoni li ma titmax ir-rabta mal-persuna l-oħra imma tirrinforza d-devozzjoni passjonali tal-ego lejh innifsu (*In Praise of Forgiveness* 12). F'dan it-tip ta' mħabba, meta persuna tistqarr "inħobbok," tkun qed tgħid "jien inħobb lili nnifsi permezz tiegħek."

It-tfittxija għall-imħabba min-naħa tal-poeta hija naturali, u l-element narċisista fiha huwa daqstant ieħor komuni. Recalcati jistqarr li l-ħajja titlob il-preżenza ta' persuna oħra, u twassal biex tpoġġi lill-persuna l-oħra bħala s-salvatur tagħha (*Forgiveness* 28). Huwa aktar komuni għal persuna li għaddiet minn trawma u għadha trawmatizzata li tfittex l-imħabba, bil-mod tagħha. Din it-tfittxija tista' titqies bħala twerżiqa. Recalcati joħloq analoġija ta' din it-tfittxija mat-twerżiqa ta' tarbija li tinħakem mid-deni. Għaliha, l-uniku mod kif tista' tiġbed l-attenzjoni huwa permezz ta' twerżiqa. Il-persuna li twieġeb għandha l-kompitu li tittraduċi din it-twerżiqa bħala għajta għall-imħabba. Il-maħbuba ta' xi żmien hija dik li wieġbet għat-twerżiqa tal-poeta. Ir-rispons tagħha kien dak li umanizzalu ħajtu fl-istess żmien.

## 3.2 Emozzjonijiet Diversi

Il-falliment tar-relazzjoni huwa dak il-fantażma li tidhirlu minn ħin għal ieħor, tqanqallu emozzjonijiet qawwija, u huwa jevalwa lill-eks maħbuba tiegħu u r-relazzjoni fiha nnifisha skont huwiex matul il-jum jew il-lejl, jew skont l-istat mentali li jinsab fih. Il-poeta jinħass li kien qiegħed ipoġġi t-tamiet tiegħu kollha fuq is-suċċess ta' din ir-relazzjoni sabiex joħroġ mit-trawma li kien għaddej minnha, u fil-proċess ra affarijiet li ma kinux hemm. It-tamiet li jfittex u ma jsibx għax qatt ma eżistew jiġu bil-mod il-mod devalwati.

L-element narċisist tar-relazzjoni jinħass aktar akut f'li, minkejja li din kienet relazzjoni pjuttost singulari, il-poeta jibki l-fatt li ma ħareġ l-ebda wild minnha. Minkejja r-relazzjoni trawmatika mal-missier, xorta ried isir missier, forsi biex ikun l-oppost ta' missieru u jeżorċizza din il-kelma.

Huwa wkoll imur kontra l-osservazzjoni ta' Recalcati f'*In Praise of Forgiveness* li f'dan iż-żmien ta' konsumiżmu, in-nies saru, minflok jipproċessaw it-telfa tal-maħbubin tagħhom bl-uġigħ kollu li dan iġib miegħu, jissostitwuhom malajr kemm jista' jkun, u jkomplu mad-diskors kapitalista, li meta xi ħaġa ma tibqax taħdem kif mistenni, minflok ma jħossuhom nostalġiċi, jibdluha kemm jista' jkun malajr (2).

Meta fil-poeżija "XXI" il-poeta jinħass fi stat anqas ħażin mis-soltu, u għalhekk aktar luċidu, jammetti li t-trawma daħlet bejniethom, u jiddikjara li "werwirtek bil-ġerħa f'sidri." Għalhekk, mhux in-nuqqas ta' qbil min-naħa tal-maħbuba ma' xewqtu biss jaħti għall-falliment ta' din ir-relazzjoni. Il-ġerħa f'sidru poġġiet lill-poeta f'dawl differenti quddiem il-maħbuba tiegħu. Huwa qiegħed jerġa'

jħallas prezz qares għal dak li għadda minnu fi tfulitu. L-esperjenza tagħha hija dik it-tebgħa li timmarkah u meta persuna oħra tinduna biha, tqabbadha ħafna biża' u twerwirha. Aktar tard, bir-relazzjoni miksura, il-ġerħa ssejjaħ għall-melħ biex jintensifikaha u l-istess melħ ilaħlaħ minn fuq il-poeta t-tmien ittri t'isimha. Imma t-tlaħliħ ikun biss temporanju. Hija t-trawma biss li tibqa' għal dejjem. Kif jirrimarka Recalcati, din hija s-saħta tat-trawma: "*Trauma, like great loves, wants to be forever. This is its curse. It is something that can never be forgotten, that insists on repeating itself and wounding the subject*" (*In Praise of Forgiveness* 60).

Waqt li fil-poeżija "XVIII," il-poeta huwa mgħaddab għall-eks maħbuba, u jakkużaha bħala qarrieqa – "gidba fuq gidba," fil-poeżija "XXXIV" jammetti li huma ċ-ċirkustanzi tiegħu li huma tort tal-falliment tar-relazzjoni. It-trawma tiegħu, metaforizzata fil-ġerħa f'sidru, mhux biss tikkonsmah imma hija l-unika ħaġa li jista' joffri. Maż-żmien jammetti li stenna wisq mill-eks maħbuba tiegħu li tfejjaqlu din il-ġerħa, li għadha ħajja tant li "dejjem trid."

In-nuqqasijiet ta' ħajtu, bħan-nuqqas ta' tgħanniq ta' ommu fi tfulitu, ħaseb li seta' jimliehom permezz tar-relazzjoni. Is-sħaba sewda ta' tfulitu terġa' tfiġġ, u daqskemm jiġġustifika l-ġerħa tiegħu minħabba dak li għadda minnu, jakkuża lilu nnifsu b'nuqqas ta' kontroll, "sfajt ilsir ta' min dejjem bżajt issir," f'riferenza diretta lejn missieru. Dan jipprekludih milli jkun il-persuna li tixraq lill-eks maħbuba tiegħu, li jista' jsawwar relazzjoni ideali, mingħajr ġerħa tikkompeti mal-imħabba.

## 4. Konklużjoni

Waqt li għal uħud, il-familja hija sagra u li darha tippermetti kenn mid-dinja ta' barra, għal oħrajn, l-istess dar hija bejta ta' disfunzjonalità li tippermetti vjolenzi differenti.

It-tema tal-vjolenza tispikka f'*Erbgħin Jum*, mingħajr ebda preċedent fil-poeżija personali fil-letteratura Maltija, bil-poeta jġarrabha direttament fuqu nnifsu u indirettament bħala xhud tagħha fuq ommu u ħutu. Il-familja, minflok toffri kenn, tinbidel f'infern, b'effetti li għadhom jinħassu sal-mument li l-poeta kiteb il-ġabra tiegħu. Il-fraġilità tal-poeta bħala tifel ta' tmien snin twasslu biex ikun vittma tas-Sindromu ta' Stokkolma, tant li fi kliemu stess jibda jogħġbu s-semm li kien ilu jiġi misqi mill-missier. Minkejja li l-poeta huwa l-vittma, xorta jinħakem bi ħsus ta' ħtija li jsiru parti minnu.

Anki meta ma tissemmiex direttament, il-vjolenza hija preżenti permezz tal-effetti tagħha fuq il-poeta. Ir-rabja, il-mistħija, it-tfittxija tal-omm f'nisa oħra huma wħud minn dawn l-effetti. L-aħħar relazzjoni romantika tal-poeta li tfalli ttella' fil-wiċċ dawn l-effetti imma, lejn l-aħħar, il-poeta jasal għal aċċettazzjoni ta' dan il-falliment. Hija r-relazzjoni mal-missier li tibqa' titturmentah sal-aħħar minħabba l-ħsus qawwija ta' rabja li jħoss lejh, riżultat ieħor tal-vjolenza li l-poeta bata fi tfulitu. Huwa jipprova jasal għall-maħfra imma din teludih għaliex il-piż tal-familja huwa tqil wisq biex il-poeta jinżgħu minn fuqu.

Matul erbgħin poeżija, Cassar offra sfida konsistenti għall-istituzzjoni tal-familja. B'mod sħiħ wera l-effetti katastrofiċi ta' familja disfunzjonali li, fil-każ tiegħu, baqgħu għaddejjin tletin sena sħaħ. Bis-sengħa poetika tiegħu, Cassar kixef in-nuqqasijiet ta' istituzzjoni daqskemm berraħ esperjenza profondament personali. Dan l-istudju jista' jwassal għal fokus aktar mill-qrib tal-istituzzjoni tal-familja li, daqskemm għandha kwalitajiet pożittivi daqstant ieħor għandha elementi li rarament jisfgħu taħt il-lenti tal-kritika letterarja, aktarx minħabba l-kważi immunità tagħha u li, lil hinn mill-għajn, jirriżultaw f'konsegwenzi traġiċi.

# Biblijografija

Grima, Adrian. "The Idealized Nation-Mother of the Romantics and the Status Quo." *Symposia Melitensia*, vol. 5, 2008, pp. 126-138.

Jacquin, Kristine M. "Violence." *Encyclopaedia Brittanica*, 23 Apr 2020, www.britannica.com/topic/violence, Aċċessat: 1 Diċ. 2020.

McCarthy, Gerard u Alan Taylor. "Avoidant Ambivalent Attachment Style as a Mediator between Abusive Childhood Experiences and Adult Relationship Difficulties." *Journal of Child Psychology and Psychiatry*, vol. 40, nru 3, 1999, pp. 465-477.

Nadelhaft, Ruth. "Domestic Violence in Literature: A Preliminary Study." *Mosaic*, 1984, vol. 17, nru 2, pp. 242-59.

Namnyak, M. et al. "Stockholm Syndrome: Psychiatric Diagnosis or Urban Myth?" *Acta Psychiatrica Scandinavica,* 2008, vol. 117, nru 1, pp. 4-11.

Papa Ljun XIII. *Rerum Novarum – Ittra Enċiklika,* 15 Mej. 1891. www.laikos.org/Lxiii_rerum-novarum_15051891.htm, Aċċessat: 1 Sett. 2020.

Psaila, Dun Karm. *Dun Karm: Il-Poeżiji Miġbura,* editjat minn Oliver Friggieri. Klabb Kotba Maltin, 1980.

Recalcati, Massimo. *In Praise of Forgiveness*. Tradott minn Alice Kilgarriff. Polity, 2020.

---. *The Mother's Hands, Fantasy and the Inheritance of the Maternal*. Tradott minn Alice Kilgarriff. Polity, 2019.

Renvoize, Jean. *Web of Violence: A Study of Family Violence*. Routledge, 1978.

# L-Għana tal-Fatt fit-Tieni Nofs tas-Seklu Dsatax

Studenta:
Ritianne Camilleri

Tutur:
Prof. Bernard Micallef

# 1. Daħla

F'kuntrast mal-ħila limitata fil-kitba u fil-qari tal-poplu Malti tat-tieni nofs tas-seklu dsatax, ġeneri orali bħall-għana tal-fatt akkumpanjaw lill-bniedem sa minn perjodi bikrija u f'diversi ċirkostanzi tal-ħajja. Għaldaqstant, f'dan l-artiklu se nistħarreġ uħud mill-mezzi popolari li lewnu lil dawn l-għanjiet u servew sabiex jinħażnu fihom kemm kronaki fattwali kif ukoll is-sentimenti u t-tagħlimiet marbutin magħhom.

## 2. X'Inhu Eżatt l-Għana tal-Fatt?

Il-ġeneru popolari tal-għana tal-fatt jikkonsisti f'għanja konċiża f'għamla ta' poeżija li ssegwi skema regulari għall-aħħar b'funzjoni mnemonika, ġeneru li jesprimi attitudni sensazzjonali lejn avvenimenti storiċi b'laqta makabra fi żvolġiment traġiku u kultant saħansitra bi klima li toqrob lejn il-fataliżmu. Minkejja li dawn il-versi popolari jgħannu kronaka ta' stkerrih, kif wieħed jistenna minħabba l-motif kriminali tagħhom, fl-istess waqt ifittxu joħolqu element ta' faxxinu, tant li l-udjenza donnha tiddeverti ruħha bil-beżgħat u d-destin sfortunat tal-protagonisti tagħhom.

## 3. L-Għan ta' din ir-Riċerka

Lokalment huma relattivament ftit innies li jafu dwar dan il-wirt letterarju; infatti, waqt din ir-riċerka tiegħi kienu verament ftit l-istudji misjuba dwar ix-xejriet tal-fatt ivversifikat f'għamla ta' għana. Ħassejt li dan il-vojt jeħtieġ jimtela b'teżi ffukata fuq perjodu partikulari, li permezz tiegħu ngħarraf aktar lill-poplu b'ġeneru miktub u orali tiegħu stess, biex eventwalment inrawwem fih kuxjenza akbar lejn tradizzjoni li, għalkemm mhix letteratura kanonika, għandha l-merti tagħha. Waħda mill-motivazzjonijiet letterarji ewlenin biex nistħarreġ dan il-ġeneru partikolari kienet it-taħlita unika bejn il-kreattività artistika tal-versifikatur u l-fatt storiku li ma jista' jinbidel qatt. Dan it-tlaqqigħ apparentament paradossali wassal għall-analiżi bir-reqqa ta' fejn jiltaqgħu d-destin irrimedjabbli tal-att kriminali u l-innovazzjoni artistika li tintensifikah, tagħmlu aktar sensazzjonali sal-punt li tqanqal fl-udjenza sentimenti friski u qawwija anki dwar fatt diġà magħruf. Interessanti l-fatt li, minħabba l-konċiżjoni ta' dan il-ġeneru, l-għanja dejjem tidher qiegħda ddur madwar azzjoni ċentrali waħda li mbagħad tikseb ħajja rikorrenti, azzjoni li tkun seħħet tassew fl-imgħoddi iżda li tibqa' esegwita bħala għana fost ġenerazzjonijiet differenti. F'dan is-sens, l-għana tal-fatt huwa ħolqa dejjiema bejn il-passat u l-preżent, saħansitra anki l-futur jekk inqisuh bħala tagħlima għall-aġir fil-ġejjieni.

## 4. Il-Vers tat-Tmienja bħala Effett fuq il-Burdata

Fl-istudju, "Għaliex il-Versi tat-Tmienja fil-Poeżija Popolari," ippubblikat f'*Il-Malti* tal-1936, Dun Karm Psaila jargumenta dwar l-importanza tal-ottonarju minkejja d-dehra simplistika tiegħu (107-9). Hu jinsinwa li l-ġeneru tal-versi popolari ħoloq strutturi megħjuna minn għarfien awtomatiku diġà

innat fil-bniedem, xejriet ritmiċi u kreattivi sempliċi li akkumpanjaw lill-poplu meta ħtieġlu jiċċelebra avvenimenti storiċi u leġġendarji. Għalhekk, taħt din is-sempliċità esterna l-ottonarju jidher iħaddan diversi kumplessitajiet moħbija. Fost dawn insibu l-ħeffa tipika tiegħu, li twitti t-triq għal żvolġiment narrattiv rapidu sabiex jintlaħaq il-kulminu tal-ġrajja bi progress ineżorabbli, tant li r-ritmu nnifsu jsir it-tħabbir tad-destin inevitabbli u ppredestinat, kemm tal-wettieqa tad-delitt kif ukoll tal-vittma. Dan ir-ritmu jispikka aktar fil-konċiżjoni tipika tal-għana tal-fatt, ġeneru fattwali li jikseb il-kreattività evokattiva tiegħu fil-mod kif iħaddem skemi konvenzjonali diġà stabbiliti fil-kuxjenza popolari. Apparti minn hekk, sibt diversi għodod poetiċi bħar-rima mqabbża, ir-rima femminili u l-alliterazzjoni li għenu lill-versifikatur ilaqqa' ż-żewġ dimensjonijiet (stħajjil u fatt) u jżomm bilanċ bejn il-ħila artistika u l-ħila tar-rappurtaġġ preċiż. Eżempju interessanti ta' dan jidher fl-għanja, "L'Imseicna Catarina jew il-fatt ta Demartino" ta' Giuseppe (fl-oriġinal Gius.) Sciberras, fejn ir-rima qiegħda taħbat ma' aċċent ewlieni li jaqa' fuq żewġ kelmiet monosillabiċi, "fatt" u "katt," li jimmarkaw tmiem il-vers tronk b'mod definittiv, li jinvolvi daqqa qawwija fuq termini marbutin flimkien b'diwi akustiku. Konsegwenza waħda ta' dan l-arranġament hija li s-semmiegħ, aktarx b'mod inkonxju, jadotta mhux biss l-enfasi nnifisha, iżda wkoll l-assoċjazzjoni implikata fil-livell semantiku bejn il-kliem irrimat. Għaldaqstant, il-kelmiet irrimati "fatt" u "katt" jenfasizzaw il-kwalità unika ta' avveniment (fatt) bla paragun (li bħalu ma seħħ qatt). Dan l-eżempju jixhed kif dawn l-għodod letterarji mhumiex sempliċiment għamla dekorattiva jew stilistika iżda elementi mnemoniċi kruċjali li jsaħħu konnessjonijiet imprevedibbli bejn l-aspetti tematiċi ewlenin tal-versi, bħall-konnessjoni bejn il-ġrajja fattwali u l-iżvolġiment uniku tagħha.

## 5. Xejriet Persważivi

F'*Rhetoric*, Aristotli jistħarreġ tliet *pisteis* ewlenin: l-*ethos*, il-*pathos* u l-*logos*. Fl-għana tal-fatt insibu diversi djalogi bejn il-personaġġi kkonċernati, u dawn it-tliet modi ta' persważjoni jiġu applikati skont l-esiġenzi tal-karattru. Ngħidu aħna, l-użu strateġiku tal-patos f'diversi għanjiet jintensifika l-ħsus emottivi tal-udjenza, bl-iskop li jimmanipula l-atteġġjament tagħha lejn l-azzjonijiet u min iwettaqhom. Apparti minn hekk, f'dan il-ġeneru b'element storiku tinħass ukoll l-ironija drammatika li, bosta drabi akkumpanjata minn teknika li tqanqal it-teħbir, kellha siwi fundamentali għal rakkont makabru vversifikat. Dan minħabba li kienet

tqawwi l-ħsus patetiċi diġà intensi fl-udjenza permezz ta' ħarsa profetika lejn il-futur fatali tal-karattri. Bħalma jseħħ fl-għanja, miktuba minn Richard Taylor, "il-Meut ta Salvu Farrugia u Salvu Saliba: Imlakmin il Voldieri u iz-Zoz":

> Sabiex nehdulu
> Haitu u flusu
> Irsaqt jen leuel
> Bħal Giuda nbusu.

Hawnhekk, l-udjenza mill-bidu tingħata evidenza ċara tat-tradiment li se jsegwi, fil-leħen tal-wettieqa tad-delitt li jassumu r-rwol tan-narratur omodijeġetiku. F'kultura Nisranija, l-intertestwalità mal-aktar ġrajja magħrufa ta' tradiment għall-gwadann tal-flus għandha l-qawwa ta' prolessi, qabża 'l quddiem fiż-żmien lejn fatalità inevitabbli li fil-fatt tirrinforza l-ironija drammatika tar-rakkont: id-destin makabru ta' Francisch Teuma huwa miktub jew magħmul daqs id-destin inaljenabbli tal-figura ta' Kristu tradut. L-implimentazzjoni tas-similitudni tkompli tqawwi din l-ironija drammatika għaliex toħloq paralleliżmu narrattiv li jfakkar lill-udjenza fl-att immorali ta' Ġuda antiċipat minn Kristu nnifsu waqt l-aħħar ċena. L-udjenza, għal darba oħra, tidher tingħata setgħa pjuttost profetika, filwaqt li l-azzjoni egoistika ta' Ġuda tiġi rreplikata mill-karattru ta' Gianon li, ironikament, qiegħed javża lis-semmiegħa bit-tradiment imminenti tiegħu. Bħala ġest simboliku ta' relazzjoni intima jew ħbiberija reċiproka, il-bewsa f'din l-għanja ġġorr l-intensità kollha ta' sinjal perfdu, li jinganna lill-vittma iżda mhux lill-udjenza. F'dan is-sens, l-għodod rettoriċi sempliċi qawwew ukoll is-sens ta' impotenza quddiem il-futur predestinat tal-karattri, żvolġiment li l-udjenza setgħet titqanqal dwaru mingħajr ma tintervjeni fih jew tibdlu.

## 6. Il-Ħila tar-Rakkontar

Il-bniedem juża l-possibbiltajiet innovattivi tar-rakkont kemm bħala sors ta' aljenazzjoni soċjali mir-realtajiet ħarxa tal-ħajja kif ukoll bħala mezz ta' reġistrazzjoni tal-istess ħajja kiefra. F'linja ma' dan il-punt, l-għana tal-fatt kellu jsib kompromess bejn, fuq naħa, l-iskop ewlieni li jeduka lill-udjenza permezz ta' ġrajja vera bi tmien didattiku li jipprova jevita traġedji simili fil-futur u, fuq in-naħa l-oħra, il-gost bl-eżekuzzjoni kreattiva tal-fatt, ikkundizzjonata mill-istrateġiji rivelatorji tal-plott, ngħidu aħna, il-peripetea, l-anagnorisi u l-prolessi, li jesponu lill-udjenza għal żvolġiment intriganti mqar fil-linearità tipika tiegħu.

Fil-ftuħ tal-għanja, "Ebejer u il Praspar Tighu," G. X. jagħti

indikazzjoni ċara tal-futur previst tal-protagonist, għaliex wara d-deskrizzjoni fiżika tal-karattru jimplimenta analessi iterattiva, qabża lura fiż-żmien li b'retrospezzjoni turi mġiba rikorrenti tal-karattru fl-imgħoddi (Genette 277). Iżda minnha nnifisha din it-teknika għandha effett prolettiku, għaliex tlesti lill-udjenza għall-probabbiltà li Borġiu Ebeijer se jkompli bl-istess imġiba vizzjuża u x-xorti li kellu fil-passat, il-fortuna straordinarja li ma jinqabad qatt mill-ġustizzja għal azzjonitu ħażina ripetuta:

Dana chien halliel mill primi
Jisrak chien ix-xemx ghaddeija,
Mill habs diehel mil habs hiereġ,
Citazioni sejra u ġejja.
(...)
Cull ma jara chien idabbru
Biex jisrak idejh jicluħ
Xortieh chienet ukoll tghejnu
Rari ħafna biex jakbduh.

Eżempju alternattiv, iżda daqstant interessanti, joħroġ fil-versifikazzjoni, "Bertu u Rosi; Lezzioni liz-zghazah tallum, Graija ta Barra ta' bosta żmenijiet ilu," fejn G. X. din id-darba jirrakkonta relazzjoni pprojbita bejn żewġ żgħażagħ, Rosi u Bertu, relazzjoni li ma tħallix lil Rosi tagħraf l-intenzjonijiet makakki ta' Bertu sal-punt li tasal tinnega għalkollox il-pariri ġenwini tal-ġenituri tagħha. B'konsegwenza ta' dan in-nuqqas ta' għarfien li tradizzjonalment jippreċedi l-anagnorisi u l-peripetea, tikkommetti ruħha għal sekwenza ta' delitti orribbli li bi gravità progressiva jilħqu l-klajmaks: il-vendetta fuq familtha talli ostakulat il-pjan amoruż tagħha. Ir-rabja interna tagħha lejn il-ġenituri Naziu u Treizi teskala fi stadji sistematiċi, u l-istrateġiji tal-plott jonsbu lill-udjenza fi żvolġiment mimli bil-biża' u l-ħasra tipiċi tal-peripetea Aristoteljana ( Butcher 18). Dan jidher sew, flimkien mal-katarsi li skont Aristotli tiġi attivata mal-peripetea, fis-silta fejn il-bidla għal għarrieda fiċ-ċirkustanzi tiġġenera ħasda, skandlu u patos fis-semmiegħa:

F'salt uiehed l'ingrata Rosi
Kalb ta tigra mil cbar nett,
Min gio ħobba b'heffa cbira
Pronta tcun tohrog stallett.

Il crudila fuk missiera
B'rabia cbira haun iddur,
Li stallett gio kalbu tuahhal
U fl'art mejjet thallieh tmur.

L-effett patetiku u katartiku tal-mekkaniżmi tal-plott fl-għana tal-fatt għandhom jitqiesu f'kuntest speċifiku, mgħobbi b'emozzjonijiet u kkaratterizzat bi żvolġiment spettakulari li jrid jilħaq il-qofol fatali tiegħu. Is-suspans iġġenerat qabel dan l-istadju tal-peripetea, kemm permezz tal-ħeffa fil-mixja ineżorabbli tal-avveniment kif ukoll permezz ta'

elementi prolettiċi żgħar jew implikati, jirriżolvi ruħu fl-anagnorisi, l-għarfien tal-qagħda vera mill-karattri nfushom kif ukoll mill-udjenza. Bħal f'kull ġrajja traġika oħra, wara l-kljamaks, l-udjenza tesperjenza stadju alternattiv, il-mument ta' rivelazzjoni li skont il-*Poetika* ta' Aristotli jinvolvi illuminazzjoni fuq in-natura vera tal-bniedem, kif ukoll rikonoxximent matur tax-xorti tajba jew ħażina li jinsab fiha (Janko 95). Hekk jiġri lil Rosi fi tmiem l-istess għanja, meta tintebaħ bil-personalità vera ta' Bertu li ingannaha u, b'konsegwenza, tagħraf ukoll il-potenzjal kriminali fiha stess. L-anagnorisi, hawnhekk, għandha żewġ livelli: il-kriminalità tal-wieħed twassal għal għarfien riflessiv tal-kriminalità tal-oħra, imqar jekk bir-rimors li ġġib magħha:

> Dan l'imfami kalb crudila
> Chien gia harab, siefer mar,
> Cuntent b dac collu li giara
> L'irnexxielu cull ma sar.
> (...)
> Allura ħi (sic) x'hin sabet ruhha
> Ingannata b'dan il mod,
> Ir-rimorsi bdiet thoss f kalba
> Bdiet tant tibza u tirtghod.

L-għarfien tat-tendenza kriminali fiha stess jikkawża lil Rosi tinħakem minn ħtija u dispjaċir kbir, inverżjoni emottiva li, għalkemm ma ġġibx konsolazzjoni lill-protagonista, xorta waħda tqanqal aktar lill-udjenza, li sa issa tagħraf f'Rosi konverżjoni morali. Kemm is-sentiment ta' ammissjoni u rimors seta' jkun qawwi jidher mill-kronaka li Rosi qatt ma setgħet iġġerragħ azzjonitha, u l-unika triq li ppermettiet ir-rimors qawwi tagħha kienet li ttemm ħajjitha.

## 7. Għeluq

Minkejja n-nuqqas ta' letteratura kolta fost il-popolin fit-tieni nofs tas-seklu dsatax, il-bniedem Malti komuni xorta waħda għaraf jikkrea jew isegwi skemi u funzjonalità narrattivi li, mingħajr għodod letterarji elevati wisq, kellhom madanakollu l-ħila jartikulaw b'mod sensazzjonali sekwenza traġika ta' avvenimenti. Iżda, kif wieħed jista' jintebaħ waħdu mit-tnaqqis fl-għarfien popolari tal-għana tal-fatt, ix-xorti ta' dan il-ġeneru nbidlet matul iż-żminijiet, l-aktar minħabba fatturi bħaż-żieda fil-mezzi tax-xandir, li l-irwol primarju tagħhom kien u għadu t-tixrid tal-kronaka fost il-pubbliku. Tkun verament ħasra jekk il-ġenerazzjoni preżenti ma tagħrafx tapprezza din it-tradizzjoni tal-fatt ivversifikat, tant li b'hekk jintilef darba għal dejjem.

# Biblijografija


Cassar Pullicino, Ġużè. *Il-Kitba bil-Malti sal-1870*, vol. 31, PIN Publictations, 2001.

Colebrook, Claire. *Irony:* The New Critical Idiom. Routledge, 2004.

Dempster, Germaine. *Dramatic Irony in Chaucer*. Stanford U P, 1932.

Foucault, Michel. *Discipline and Punish: the Birth of the Prison.* Tradott minn Alan Sheridan, Vintage Random House, 1995.

Friggieri, Oliver. *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*. 1986. Klabb Kotba Maltin, 2010.

Genung, F. John. *The Practical Elements of Rhetoric: With Illustrative Examples.* Ginn and Company, 1885.

Holland. S. Glenn. *Divine Irony.* Susquehanna U P, 2000.

Marlene, Mifsud Chircop u Mark Montebello. *Min Qatel il-Patri? Ġrajja Storika.* Klabb Kotba Maltin, 2016.

Ong, J. Walter. *Orality and Literacy: The Technologizing of the Word.* 1982. Routledge, 2002.

Psalia, Karm. "Għaliex il-Versi tat-Tmienja fil-Poeżija Popolari," f'*Il-Malti*. Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, 1936.

Reichl, Karl. *Medieval Oral Literature*. De Gruyter, 2011.

Vanderbeke, Dirk and Brett Cooke. *Evolution and Popular Narrative*. Brill Rodopi, 2019.

Zammit, William. *Kissing The Gallows: a Cultural History of Crime, Torture and Punishment in Malta,* 1600-1789. BDL, 2016.

# L-Għoti tal-Ġens Grammatikali lil Nomi Missellfa mill-Ingliż minn Oqsma Semantiċi Differenti

Studenta:
Kyleen Ciantar

Tutur:
Dr George Farrugia

## 1. Daħla

Fl-istudju modern tat-teorija grammatikali ftit li xejn hemm konsistenza u uniformità fl-użu tat-terminu 'kategorija'. Lyons (1975) jgħid li, "It is frequently employed, like 'class' or 'set', to refer to any group of elements recognised in the description of particular languages" (p. 270). Waħda minn dawn il-kategoriji li relattivament f'dawn l-aħħar snin qed tingħata importanza mhux biss fl-istudji grammatikali u lingwistiċi imma wkoll f'oqsma oħra bħall-psikolingwistika, hija l-kategorija tal-ġens grammatikali. F'dawk il-lingwi li fihom il-kategorija grammatikali tal-ġens, kull nom irid jingħata ġens partikolari fuq xi kriterju jew ieħor. Għaldaqstant fil-Malti kull nom, kemm animat kif ukoll inanimat, irid jingħatalu ġens – maskil jew femminil.

Waħda mill-aktar definizzjonijiet ċari u importanti li nsibu fil-letteratura għat-terminu 'ġens grammatikali' hija ta' Hockett (1958): "Genders are classes of nouns reflected in the behaviour of associated words" (p. 231).

F'xi lingwi joħroġ il-fatt kif mhux dejjem ikun ċar li tifhem kif u għaliex jingħata ġens u mhux ieħor. Għaldaqstant, din il-kategorija mhux l-ewwel darba li tqieset bħala kategorija li m'għandhiex sistema partikolari. Ngħidu aħna, fil-Franċiż huwa l-artiklu, 'le' jew 'la', li juri n-nom ta' warajh x'ġens jieħu. Pereżempju, in-nom li jirreferi għal 'siġġu' fil-Franċiż jieħu l-artiklu maskili 'le chaise'. B'hekk, fil-każ tal-Franċiż bħall-Ġermaniż b'xi differenzi, huwa l-artiklu li jikklassifika n-nomi taħt kategorija ta' ġens jew oħra. Fil-Malti, l-artiklu m'għandu ebda sehem f'din il-klassifikazzjoni għax jekk ngħidu 'is-siġġu' mingħajr ma nżidu xi parti tad-diskors warajh bħal aġġettiv jew pronom, ma nkunux nafu jekk hux nom maskili jew femminili. Hockett (1958, p. 230) jispjega kif fl-Ispanjol, il-ġens grammatikali joħroġ kemm permezz tal-artiklu kif ukoll permezz ta' qbil grammatikali ma' partijiet oħra tat-taħdit, pereżempju mal-aġġettiv kif iseħħ fil-Malti.

## 1.1 Il-ġens grammatikali u naturali – l-istess?

Ħafna jħalltu l-ġens grammatikali ('maskili' u 'femminili') mal-ġens naturali ('raġel' u 'mara'). Meta jiġri hekk, id-distinzjoni bejn it-tnejn ma tibqax ċara għaliex dak li hu lingwistiku jisfuma f'dak li hu fiżiku. Farrugia (2018) jagħmel distinzjoni ċara bejn it-tnejn meta jgħid, "Grammatical gender is a linguistic property of words, while natural gender is a biological property of animate referents of words" (p. 4) Dan in-nuqqas ta' ċarezza jidher f'xi xogħlijiet. Ngħidu aħna f'*Il-Miklem Malti* ta' Serracino-Inglott (1976) li fih jiddefinixxi l-ġens grammatikali bħala: "Għażla ta' sess fost nomi, pronomi u aġġ. ..." (p. 27). It-terminoloġija hija użata b'mod żbaljat għaliex in-nomi m'għandhomx sess iżda ġens grammatikali.

Għalkemm bosta huma kontra l-idea li s-sess għandu xi tip ta' influwenza fuq il-ġens grammatikali, naraw li f'lingwi li jużaw il-ġens grammatikali meta jidħlu n-nomi animati, ir-relazzjoni bejniethom tkun waħda b'saħħitha tant li hawn min jaħseb li huma tkomplija ta' xulxin. L-istess ismijiet grammatikali 'maskili', 'femminili' u 'newtru' jkomplu jikkonfermaw dan (Lyons, 1975, f'Farrugia, 2003, p. 15). Minkejja dan kollu, li huwa żgur huwa li wieħed jista' jikkonferma li din ir-relazzjoni mhix diretta, la f'lingwa

waħda u lanqas bejn lingwa u oħra. Jekk nieħdu l-eżempju tal-kelma 'dar', fil-Malti tieħu ġens femminili, fir-Russu l-kelma li tirreferi għall-istess oġġett 'дом' (dom) tieħu ġens maskili, waqt li fil-Ġermaniż 'haus' tieħu l-ġens newtru. Farrugia (2003) fix-xogħol tiegħu jistqarr li "Is-sexus mhuwiex dejjem rifless fil-genus" (p. 17).

## 1.2 Il-ġens grammatikali f'lingwa u mhux f'oħra

Huwa interessanti kif f'ċerti lingwi l-kategorija grammatikali tal-ġens hija daqstant importanti bħalma naraw fil-Malti, waqt li f'lingwi oħra hija kważi noneżistenti (Corbett, 1991, p. 1).

B'hekk, mill-perspettiva ta' din il-kategorija, il-lingwi jistgħu jinqasmu fi tnejn, "...dawk li għandhom mekkaniżmu biex jikklassifikaw in-nomi u dawk li m'għandhomx bħaċ-Ċiniż, il-Persjan u l-ilsna Baski" (Farrugia, 2003, p. 1, f'Galdes, 2016, p. 8).

Il-komplessità tal-ġens grammatikali tkompli toħroġ meta naraw li f'dawk il-lingwi li jaħdmu b'din il-kategorija, l-għażla tal-ġens tal-istess nom tista' tvarja minn lingwa għal oħra. Pereżempju, fit-Taljan nirreferu għan-nom 'sistema' fil-maskil għaliex ngħidu 'il sistema', mentri fil-Malti nirreferu għal dan in-nom fil-femminil għaliex ngħidu 'sistema tajba'.

## 1.3 Il-markaturi

F'bosta lingwi li fihom insibu l-kategorija grammatikali tal-ġens, in-nomi x'aktarx ikunu mmarkati għal xi ġens jew ieħor. Huwa tajjeb li ninnutaw li mhux in-nomi kollha għandhom markatur viżibbli; pereżempju fil-Malti n-nom 'id' mhux immarkat għall-ġens femminili. Farrugia (2018) jikkonferma li fil-Malti 93% tan-nomi jistgħu jiġu assenjati ġens abbażi tal-fattur morfofonoloġiku. Fi studju li għamel ikkonferma li t-tarf *-a* huwa l-aktar tarf assoċjat mal-femminil, filwaqt li t-tarf *-u* u t-tarf konsonantali huma assoċjati mal-maskil. Skontu, ir-relazzjoni bejn it-trufijiet *-i* u *-e* mal-ġens maskili, mhijiex b'saħħitha daqs tat-trufijiet diġà msemmija (pp. 237-238).

Fil-Malti, is-suffissi -a, -triċi u -essa jiżdiedu ma' nomi maskili biex joħolqu forma femminili li tirreferi għal mara. Madanakollu, m'aħniex neqsin minn xi eċċezzjonijiet bħal ngħidu aħna, 'soru', 'omm', 'Alla' u 'Papa'. Dawn in-nomi sinkronikament jidhru bħala eċċezzjonijiet. Kif qed naraw minn dawn l-erba' eżempji, jista' jkollok kliem li għalkemm il-forma tiegħu turi ġens partikolari, it-tifsira twassal għall-għoti tal-ġens l-ieħor. F'każi ta' sistemi mħallta bħal dawn, it-tifsir jiddetermina l-għoti tal-ġens tal-kelma u dan Corbett (1991) jirreferi għalih bħala: "the core semantic

override principle" – jiġifieri meta jkun hemm kunflitt bejn il-kriterji formali u dawk semantiċi, il-kriterji semantiċi jiddominaw lil dawk formali (p. 52).

## 2. L-Attribuzzjoni tal-Ġens Grammatikali – b'Mod Arbitrarju?

Jidher li l-kelliema nattivi tal-ilsna li jużaw il-ġens ma jsibu ebda diffikultà biex jattribwixxu l-ġens grammatikali lil eluf ta' nomi. Imma dan kif jagħmluh? Jingħad li kelliema nattivi ta' lingwa jippossjedu numru ta' kriterji u sistemi li abbażi tagħhom jagħtu l-ġens lin-nomi. Imma wieħed jistaqsi, kif iħaddmuhom dawn l-istrateġiji? Kif jittrasferixxu t-tagħrif marbut mal-ġens tan-nom għal elementi oħra? Il-ġens grammatikali, huwa sempliċiment maħżun jew maħdum skont il-proprjetajiet semantiċi, morfoloġiċi u fonoloġiċi tan-nom kull darba li l-kelliem jiġi bżonnu (Farrugia, 2015, p. 25)?

Bosta studjużi jisħqu fuq l-arbitrarjetà tal-assenjazzjoni tal-ġens. "...in American structuralism, gender was defined by Bloomfield in terms of arbitrary classes, a claim which he illustrated unhesitatingly with Algonquian and Indo-European" (Kilarski, 2007, pp. 28-29). Bloomfield fix-xogħol tiegħu *Language* (1933) jgħid kif m'hemm xejn li jista' jagħti tifsira lingwistika lil ċerti aspetti li jieħdu xejra inqas prattika u li huma aktar astratti – bħall-ġens tan-nom jew l-aspett verbali. Bloomfield (1933) jasal għall-konklużjoni li m'hemm ebda kriterju prattiku li fuqu nomi f'lingwi bħall-Ġermaniż, il-Franċiż u l-Latin jingħataw il-ġens.
Hockett (1958) jgħid li għalkemm xi drabi jista' jkun li jkun hemm xi elementi semantiċi bħas-sess, id-daqs, il-forma, il-grad ta' astrazzjoni u animazzjoni, "...almost always some of the gender affiliations are arbitrary" (p. 232). Hockett (1958) ikompli jgħid li allura, il-maskil u l-femminil fl-Ispanjol, il-Franċiż, it-Taljan u l-Portugiż huma semantikament konsistenti, fis-sens li n-nomi li jirreferu b'mod ċar għall-irġiel huma maskili, dawk li jirreferu għall-mara huma femminili, imma l-ġens ta' nomi oħra huwa ħafna drabi arbitrarju.

### 2.1 Is-sistema semantika

Meta kelliema ta' lingwa partikolari jassenjaw il-ġens lin-nomi permezz tas-sistema semantika, ikun ifisser li qed jibbażaw l-għażla tagħhom fuq it-tifsir jew is-sens li jġorr miegħu dak in-nom. Corbett (1991) jagħti importanza kbira lil din is-sistema u jikkwota lil Aksenov (1984): "In a sense all gender systems are semantic in that there is always a semantic core to the assignment system" (pp. 17-18, f'Corbett, 1991, p. 8).

Corbett (1991, p. 9) jitkellem fid-dettall fuq sistemi li huma strettament semantiċi fir-rigward tal-ġens grammatikali. Għalkemm in-numru tagħhom huwa żgħir ħafna, insibu każi ta' lingwi li fihom il-kelma waħedha tkun biżżejjed biex wieħed jassoċja ġens partikolari magħha. Ngħidu aħna, it-Tamil li hija waħda mil-lingwi Dravidjani, tuża din is-sistema u naraw li minkejja li għandha numru konsiderevoli ta' kelliema, l-għażla tal-ġens hija konsistenti bejniethom. Corbett (1991) jgħid, "Given the meaning of a noun, its gender can be predicted without reference to its form" (p. 9).

## 2.2 Is-sistema formali

B'sistema formali nifhmu li l-assenjament tal-ġens jingħata abbażi ta' numru ta' regoli li jiddependu mill-forma tal-kelma u mhux mit-tifsir tagħha. Dawn ir-regoli jinqasmu f'żewġ tipi:

i) dawk morfoloġiċi u ii) dawk fonoloġiċi. Ir-regoli morfoloġiċi jimxu fuq l-istruttura tal-kelma, waqt li r-regoli fonoloġiċi jimxu fuq l-istruttura tal-ħoss. Kontra tad-distinzjoni faċli li tista' ssir bejn il-kriterju semantiku u l-kriterju formali, mhux dejjem faċli tiddistingwi bejn il-lat morfoloġiku u l-lat fonoloġiku f'dan l-ambjent. Infatti, ħafna drabi dawn iż-żewġ aspetti jaħdmu flimkien u meta jiġri hekk, dan il-kunċett nirreferu għalih bħala l-kriterju morfofonoloġiku.

Il-forma tan-nom, l-aktar fil-każ tan-nomi inanimati, ukoll għandha importanza kbira fl-għoti tal-ġens. Skont Farrugia (2003), it-truf li t-tendenza tagħhom ixxaqleb lejn il-maskil huma t-truf konsonantali u t-tarf *-u*, filwaqt li t-tarf *-a* jxaqleb lejn il-femminil. Madanakollu nsibu xi eċċezzjonijiet bħall-kliem 'għana' jew 'sema' li minkejja li jispiċċaw bil-markatur tal-ġens femminili, grammatikalment jitqiesu bħala nomi maskili. Kliem li jispiċċa bit-tarf *-i* jista' jindika l-maskil, bħal 'deni', 'apokalissi' u 'ġuri', jew il-femminil, bħal 'frażi' u 'vuċi' (p. 174), u f'dan il-każ jidħol ukoll il-kriterju etimoloġiku (Farrugia, 2019, p. 19).

F'sistema bħal din, kull biċċa informazzjoni fonoloġika ta' kelma għandha l-potenzjal li tiddetermina l-ġens ta' dak in-nom. Pereżempju, kif inhu ċċitat f'Corbett (1991), fil-lingwa Qafar insibu "...a remarkable phonological assignment system" (p. 51). F'din il-lingwa nstab li hemm żewġ kategoriji ta' ġens li huma l-maskil u l-femminil. In-nomi femminili jintgħarfu minn dawk maskili għaliex jispiċċaw b'vokali aċċentata. Xi eżempji huma: 'baxà' (bint) u 'bariseynà' (għalliema). Il-bqija tan-nomi li ma jispiċċawx bil-vokali aċċentata huma kollha maskili, bħal 'bàxa' (iben) u

'barisèyna' (għalliem). Hemm żewġ possibilitajiet f'din il-lingwa li jistgħu jikklassifikaw nom bħala maskili:
1. Dawk in-nomi kollha li jispiċċaw bil-konsonanti; 2. Dawk in-nomi li jispiċċaw b'vokali mhux-aċċentata.

## 2.3 L-aspett sintattiku – il-qbil grammatikali

Ma nistgħux nuru l-eżistenza tal-ġens billi nħarsu biss lejn in-nom fih innifsu. F'xi każi, lanqas ma nistgħu niddeterminaw il-ġens mill-markaturi, imma l-evidenza tal-ġens toħroġ mill-qbil grammatikali fuq elementi oħra fis-sentenza li l-ġens tagħhom huwa determinat mill-ġens tan-nom kontrollatur (Corbett, 2014, p. 243). L-istruttura tal-ġens nominali hija bbażata fuq aspetti fundamentali li jitlaqqgħu flimkien u li qegħdin f'relazzjoni bejniethom. L-ewwel nett, insibu l-klassifikazzjoni tan-nomi li jaqgħu taħt kategorija jew oħra. It-tieni nsibu l-qbil grammatikali li jidher fl-elementi mira tan-nom kontrollatur li jistgħu jkunu ta' kategoriji grammatikali differenti (Farrugia, 2018, p. 38).

Lyons (1975) jgħid li l-ġens huwa relevanti mhux biss għall-għażla korretta tal-forma bejn is-singular jew il-plural tan-nomi, imma wkoll għall-għażla tal-verbi, aġġettivi u modifikaturi oħrajn tas-sentenza (p. 285).

# 3. Studju Skont Oqsma Differenti

Fl-istudju tiegħi xtaqt ninvestiga liema sistema tinfluwenza l-aktar lill-parteċipanti meta jiġu biex jagħtu l-ġens lil numru ta' kliem missellef mill-Ingliż, jekk hux dik semantika jew formali. Biex nagħmel dan, kelli bżonn numru ta' kliem differenti li fuqu kellu jistrieħ dan l-istudju. Ħsibt li jkun aħjar li kieku dan il-kliem jaqa' taħt xi oqsma partikolari li (sterjo) tipikament huma relatati mas-sessi differenti, biex aktar tard inkun nista' nagħmel paragun bejniethom skont il-varjabbi soċjali magħżula għax-xogħol tiegħi – l-età u s-sess. Għalhekk kelli naħseb ftit dwar liema oqsma huma marbuta l-aktar ma' xi sess jew ieħor bil-ħsieb li l-irġiel ikunu jafu aktar it-tifsira ta' dak il-kliem meħud minn qasam li jolqothom aktar mill-qrib filwaqt li n-nisa jkunu jafu aktar xi jfisser kliem meħud minn xi qasam assoċjat l-aktar mas-sess femminili. Wara li tkellimt ma' nies ta' etajiet, sess, gosti u modi ta' għajxien differenti, irnexxieli noħroġ b'erba' oqsma li dehru li kienu jissodisfaw il-kriterji li kont qed infittex. Dawn kienu: 1. Il-futbol (qasam maskili); 2. Il-karozzi u l-għodda (qasam maskili); 3. Il-ħjata u l-moda (qasam femminili); 4. Is-sbuħija u l-kożmetiċi (qasam femminili). Il-kliem magħżul għal kull qasam kien:

**Tabella 1: Kliem magħżul**

| | Karozzi u għodda | Ħjata u moda | Sbuħija u kożmetiċi |
|---|---|---|---|
| aggregate | accumulator | back stitch | blusher |
| back pass | alternator | bobbin | bronzer |
| chip shot | axle | box pleat | cleanser |
| clearance | ball joint | brooch | concealer |
| cross bar | bearing | camisole | contouring |
| deflection | chassis | clutch | cuticle |
| derby | condenser | corset | electrolysis |
| double | coolant | crop top | exfoliator |
| free kick | crankshaft | fascinator | eyeshadow |
| futsal | differential | felt | foundation |
| goal kick | distributor | kimono | French roll |
| goal line | gasket | leotard | gelish |
| halfback | piston | mesh | keratin |
| hat trick | pulley | overlock | microblading |
| header | shock absorber | pinafore | pedicure |
| kick off | spark plug | romper | peeling |
| spot kick | spindle | scrunchie | pigmentation |
| tackle | spoiler | tull | pin up |
| VAR | stepney | tunic | scrub |
| volley | suspension | peep toe | skin tightening |

## 4. L-analiżi

L-għan prinċipali ta' dan l-istudju kien li nanalizza jekk il-fatt li l-parteċipanti kienu midħla mal-użu u t-tifsira tan-nom, jinfluwenzax l-għoti tal-ġens. Għan ieħor kien li nanalizza jekk is-sess jew l-età humiex varjabbli b'saħħithom biżżejjed tant li jinfluwenzaw l-għoti tal-ġens. Ridt ukoll nara jekk dawn in-nomi li użajt kellhomx ġens stabbilit.

## 4.1 Il-qasam tal-futbol

### 4.1.1. Il-qasam u l-varjabbli soċjo-lingwistiċi

Il-qasam tal-futbol fil-kultura Maltija huwa assoċjat bis-sħiħ ma' persuni ta' sess maskili. Minħabba li dan huwa qasam tradizzjonalment meqjus bħala maskili, wieħed għandu mnejn jissopponi li dan il-fattur jista' jinfluwenza l-għoti tal-ġens mill-irġiel u n-nisa lin-nomi missellfa mill-Ingliż marbuta ma' dan il-qasam. Madanakollu, mill-informazzjoni li ġbart, dan ma kienx ikkonfermat. Jidher li n-nisa f'dan il-qasam b'mod ġenerali qablu mal-irġiel fl-għażla tal-ġens. Għaldaqstant, l-ipoteżi li l-fatt li persuna ta' sess partikolari tkun aktar familjari mal-lessiku użat f'ċertu qasam iwassalha biex tagħti ġens differenti minn persuna oħra li ma tkunx, ma kinitx ikkonfermata f'din il-kategorija. Il-maġġoranza tan-nomi ngħataw il-ġens maskili. Jekk inqabblu dawn ir-riżultati ma' dak li sab Farrugia (2003, p. 256), nistgħu ngħidu li r-riżultati huma kompatibbli. Fl-istudju tiegħu sab li 96.4% tal-okkorrenzi ta' kliem li kellu x'jaqsam mal-isport ingħata l-ġens maskili.

Mill-analiżi li għamilt jidher li l-varjabbli soċjolingwistiċi m'għamlux differenza jew m'għamlux differenza kbira f'dan il-qasam. Mill-analiżi tad-dejta li ġabret mill-kwestjonarji meta ffokajt fuq il-varjabbli tas-sess, irriżulta li dan il-fattur ma kienx b'saħħtu biżżejjed biex jinfluwenza l-għażla ta' ġens differenti. Min-naħa l-oħra, fl-analiżi li saret skont l-età deher li kien hemm xi ftit tal-influwenza.

## 4.2 L-oqsma tal-karozzi u l-għodda

### 4.2.1. L-oqsma u l-varjabbli soċjo-lingwistiċi

Fil-maġġoranza tagħhom, in-nisa qablu fl-għażla tal-ġens tagħhom mal-għażla tal-irġiel minkejja li oqsma tal-karozzi u tal-għodda fil-kultura Maltija huma assoċjati l-aktar mas-sess maskili. Għalhekk, anke f'dan il-każ, il-fatt li persuna ta' sess partikolari probabbilment tkun aktar familjari mal-kelma ma jidhirx li kellu influwenza sinifikanti fuq il-ġens li jingħatalha. Ir-riżultati juru li għalkemm kien hemm biss ftit differenza fl-għażla tal-irġiel u n-nisa, urew ukoll li t-tendenza fl-irġiel li jabbinaw il-ġens maskili kienet daqsxejn ikbar għaliex kien hemm aktar nomi li ġew assoċjati mal-maskil mill-irġiel milli min-nisa. Kien nom wieħed biss, in-nom 'spindle', li mill-analiżi kollha ġie kkunsidrat l-aktar bħala femminili imma li l-ġens tiegħu xorta waħda mhux stabbilit.

Il-varjabbli soċjolingwistiku tas-sess b'mod ġenerali m'affettwax fl-għoti tal-ġens. Mill-banda l-oħra, fl-analiżi tal-varjabbli tal-età, dehret xi influwenza li seta' ħalla dan il-varjabbli kemm meta tqabblu l-parteċipanti żgħar kollha mal-parteċipanti kbar kollha, imma b'mod speċjali meta tqabblu l-ġuvintur mal-irġiel. Dan kien interessanti għaliex minkejja li huma oqsma maskili fil-kultura Maltija, f'xi każi l-parteċipanti rġiel ta' etajiet differenti ma qablux bejniethom.

## 4.3 L-oqsma tal-ħjata u l-moda

### 4.3.1. L-oqsma u l-varjabbli soċjo-lingwistiċi

Għall-kuntrarju tal-oqsma l-oħra, dawn l-oqsma fil-kultura tagħna huma l-aktar assoċjati mas-sess femminili. Minkejja dan, ħafna drabi l-parteċipanti rġiel qablu mal-parteċipanti nisa fl-għażla tal-ġens. Għalhekk, il-fatt li l-parteċipanti nisa aktarx huma familjari aktar ma' dawn in-nomi, ma kienx fattur determinanti li wassal biex jingħata ġens differenti mil-parteċipanti ta' sess differenti. Għalkemm huma oqsma femminili, 65% tan-nomi ġew assoċjati mal-maskil mill-maġġoranza tal-parteċipanti. Madanakollu, wieħed josserva li l-35% tan-nomi li ngħataw il-femminil huwa persentaġġ relattivament għoli meta mqabbel mal-persentaġġ tan-nomi li ngħataw l-istess ġens fiż-żewġ kategoriji assoċjati mal-irġiel. Dan jista' jfisser li l-kategorija semantika jista' jkollha xi forma ta' influwenza fil-proċess tal-għoti tal-ġens anke jekk din l-influwenza ma tidhirx li hija kbira ħafna.

Għajr għan-nom 'box pleat', 'peep toe' u 'romper', il-varjabbli tas-sess ma jidhirx li influwenza l-għoti tal-ġens lil nomi f'din il-kategorija. Min-naħa l-oħra, mill-analiżi tal-età nstab li 35% tan-nomi jidher li ġew affettwati minn dan il-fattur għaliex grupp partikolari deher li għandu tendenza li jassoċja ġens partikolari aktar mill-grupp l-ieħor.

## 4.4 L-oqsma tas-sbuħija u l-kożmetiċi

### 4.4.1. L-oqsma u l-varjabbli soċjo-lingwistiċi

Minkejja li l-oqsma tal-ħjata u l-moda huma magħrufa bħala oqsma li aktarx huma assoċjati mas-sess femminili fil-kultura Maltija, il-maġġoranza tal-irġiel qablu fl-għażla tal-ġens li taw il-maġġoranza tan-nisa. Għaldaqstant, dan reġa' wera li l-fatt li persuna probabbilment tkun aktar familjari mat-tifsira ta' kelma u tużaha aktar, ma jfissirx li se tagħti ġens differenti minn persuna oħra li ma tkunx familjari mat-tifsira tagħha. Jidher li għal dawn l-oqsma, il-maġġoranza

tan-nomi, dsatax-il nom minn għoxrin, tqiesu bħala nomi maskili mill-parti l-kbira tal-parteċipanti.

Għalkemm wieħed jista' jgħid li l-varjabbli tal-età b'mod ġenerali m'affettwax l-għażla tal-ġens, meta saret analiżi aktar dettaljata, ħareġ li dan il-fattur kien influwenti għan-nomi 'cuticle' u 'pin up' bejn il-ġuvintur u l-irġiel, u għan-nom 'foundation' bejn it-tfajliet u n-nisa.

## 4.5 Il-ġens tan-nomi missellfa mill-Ingliż – stabbilit jew le?

"Iktar ma n-nom missellef jintuża mill-komunità, iktar ikun probabbli li l-ġens ikun wieħed stabbli" (Micallef, 2017, p. 37). Mill-analiżi li saret f'dan ix-xogħol, irriżulta li kienu biss 31% tan-nomi mistħarrġa li għandhom ġens stabbilit fost il-kelliema. Għaldaqstant, skont l-istudju tiegħi, il-maġġoranza tal-kliem li ġie studjat, kollu missellef mill-Ingliż u li hu relattivament ġdid, jidher li għad m'għandux ġens stabbilit fost il-kelliema tal-Malti. Fost in-nomi li l-ġens tagħhom għadu mhux stabbilit, ir-riżultati juru li hemm uħud li għandhom persentaġġ għoli ta' qbil fuq ġens wieħed u allura dan jista' jindika li dejjem qed joqorbu lejn fażi li fiha jistabbilixxu ġens partikolari, filwaqt li oħrajn għandhom il-perċentwali maqsumin u għadhom ftit 'il boqgħod biex jistabbilixxu ġens.

## 4.6 Ir-relazzjoni bejn il-varjabbli soċjolingwistiċi u l-ġens grammatikali

### 4.6.1. Is-sess u l-ġens

Mill-istudju tiegħi ħareġ li l-fattur tas-sess b'mod ġenerali m'affettwax fl-għoti tal-ġens tan-nomi mistħarrġa. Dan in-nuqqas ta' rabta bejn il-ġens u s-sess fil-fatt sabu Farrugia (2003, p. 184 u 2018, p. 242) fl-istudji tiegħu. Minkejja dan, il-parteċipanti ta' sess femminili kellhom tendenza akbar li jassoċjaw ġens partikolari ma' nom mill-irġiel.

### 4.6.2. L-età u l-ġens

Mill-analiżi skont il-varjabbli tal-età, ma nstabux differenzi kbar bejn it-tweġibiet taż-żewġ gruppi t'età differenti. Kien numru żgħir ta' nomi li b'mod ġenerali ngħataw ġens differenti skont l-età. Fil-fatt dawn il-każi jammontaw għal 11% biss tan-nomi kollha mistħarrġa u għaldaqstant, għal darb'oħra, dan jaqbel mar-riżultat ta' Farrugia (2003, p. 231) li sab li l-fattur tal-età ma ħalliex effetti kbar fuq ir-riċerka.

## 4.7 Il-ġens maskili

Skont ir-riżultati li ksibt, il-ġens maskili deher bħala l-aktar ġens dominanti fost it-tmenin nom missellfa mill-Ingliż li ġew

analizzati. Fil-fatt, 87.5% tan-nomi ġew ikkunsidrati mill-maġġoranza bħala maskili. Dan jikkonferma li l-ġens maskili donnu huwa l-ġens default fil-proċess tal-għoti tal-ġens lin-nomi missellfa mill-Ingliż. Dan ir-riżultat huwa kompatibbli ma' dak li jikkonkludi Farrugia (2003) fejn sab li l-maskil kien aktar b'saħħtu fl-għoti tal-ġens lin-nomi missellfa fit-tliet partijiet tal-istudju tiegħu, b'persentaġġi globali ta' 76.9%, 66.6% u 71.6% rispettivament (p. 225).

## 4.8 L-ipoteżi tal-istudju

Fil-każ tar-riċerka tiegħi, għajr għal ftit nomi li fihom instabet differenza bbażata fuq xi varjabbli soċjolingwistiku u li għalihom ġiet aċċettata l-ipoteżi alternattiva, l-ipoteżi li tlaqt biha ma kinitx ikkonfermata. Għaldaqstant, ġiet aċċettata l-ipoteżi nulla għax la nstabet assoċjazzjoni bejn il-varjabbli soċjolingwistiċi magħżula u l-ġens, u lanqas bejn l-għarfien tat-tifsira ta' kliem minn qasam partikolari u s-sess tal-persuna. Dan il-punt huwa kkonfermat mill-għażla tal-istess ġens mill-maġġoranza. Dan jista' jfisser li l-parteċipanti ma kinux influwenzati mill-kategorija semantika li kienu jappartjenu għaliha n-nomi iżda setgħu kienu influwenzati mill-kriterju formali — il-ħoss ta' tarf il-kelma. Dan jidher ukoll fl-esperiment li għamel Farrugia (2003) fuq kliem ivvintat li fih il-maġġoranza tal-parteċipanti xorta waslu għall-istess għażla ta' ġens grammatikali minkejja li ma kellhom ebda għarfien tat-tifsira tal-kliem fl-esperiment (pp. 261-262).

## 5. Għeluq

Il-ġens li nagħtu lin-nomi mhux xi ħaġa stabbli; nom li jkollu ġens partikolari, maż-żmien mhux impossibbli li jingħatalu ġens ieħor. Dan il-punt osservah ukoll Galdes (2016): "...ġie nnotat li d-dizzjunarju ta' Aquilina qed jiqdiem. Dan għaliex, ir-realtà lingwistika turi xorta oħra minn dak li juri d-dizzjunarju. Instab li hemm differenza bejn il-ġens mogħti fid-dizzjunarju u l-ġens li jingħata mill-kelliema nattivi lil ċerti nomi" (p. 96). Dan juri kemm fil-fatt din il-kategorija grammatikali qed tiżviluppa maż-żmien u saħansitra xi kriterji tal-għoti tal-ġens jistgħu wkoll jinbidlu. Fil-fatt skont Farrugia (2016), "Gender systems are not static. Given that languages undergo continuous development caused by a variety of factors, amongst which, contact with other languages, the gender system they incorporate will also undergo change" (p. 295).

# Biblijografija


Aksenov, A. T. (1984). K Probleme Èkstralingvističeskoj Motivacii. Grammatičeskoj Kategorii Roda. F' *Voprosy jazykoznanija, 33* (1), 14-25.

Bloomfield, L. (1933). *Language*. Unwin University Books.

Corbett, G. G. (1991). *Gender*. Cambridge University Press.

---. Corbett, G. G. (Ed.). (2014). *The Expression of Gender*. De Gruyter Mouton.

Farrugia, G. (2003). *Il-Ġens Grammatikali li Jieħdu fil-Malti n-Nomi ta' Nisel Ingliż*. Mireva Pubblications.

---. Farrugia, G. (2015). *Il-Ġens Grammatikali fil-Malti f'Kuntest Tipoloġiku u Psikolingwistiku*. F'*Il-Malti,* LXXXVIII(1), 25-42. Akkademja tal-Malti.

---. Farrugia, G. (2016). "Languages in Contact". F'G. Puech & B. Saade (Edi.), *Shifts and Patterns in Maltese 19,* 293-314. De Gruyter Mouton.

---. Farrugia, G. (2018). *Grammatical Gender in Maltese*. De Gruyter Mouton.

Farrugia, M. (2019). *Il-Ġens Grammatikali li Jieħdu l-Ismijiet tal-Ibliet u l-Irħula Maltin u Għawdxin: Studju Soċjolingwistiku*. L-Universita ta' Malta.

Galdes, J. C. (2016). *Il-Ġens tan-Nomi li Jirreferu għal Mara fi Professjoni, Xogħol jew Kariga*. L-Universita ta' Malta.

Hockett, C. F. (1958). *A Course in Modern Linguistics*. The Macmillan Company.

Kilarski, M. (2007). "On Grammatical Gender as an Arbitrary and Redundant category". F'Kibbee, D. (Ed.), *History of Linguistics,* 24–36. https://doi.org/10.1075/sihols.112

Lyons, J. (1975). *Introduction to Theoretical Linguistics*. Cambridge University Press.

Micallef, D. (2017). *Il-Ġens Grammatikali li Jingħata fil-Malti lin-Nomi Komposti Missellfa mill-Ingliż*. L-Universita ta' Malta.

Serracino-Inglott, E. (1976). Ġens. F'*Il-Miklem Malti: 3 Ġ-H,* 27. Klabb Kotba Maltin.

# Il-Vjolenza fir-Rumanzi ta' Ġużè Muscat Azzopardi

Studenta:
Anthea Enriquez

Tutur:
Dr Immanuel Mifsud

## 1. Daħla

Il-kelma 'vjolenza' f'rabta mal-letteratura u mal-kritika letterarja jaf tinstema' stramba għal xi wħud. L-għan ta' dan l-artiklu hu li l-qarrej jifhem kemm il-vjolenza jista' jkollha parti integrali u kumplessa f'xogħol letterarju daqskemm ikollha fil-ħajja nnifisha. Billi dan l-istudju jiffoka fuq ir-rumanzi storiċi ta' Muscat Azzopardi, wieħed japprezza kemm din it-tema ilha tippersisti fil-letteratura Maltija. Fl-ewwel taqsima ta' dan l-artiklu se tingħata ħarsa ħafifa lejn it-tipi prinċipali ta' vjolenza. B'dan il-mod, il-qarrej jikseb l-għarfien meħtieġ li jiġi applikat fil-kritika. Fit-tieni taqsima se tiġi diskussa r-relazzjoni tal-vjolenza mal-politika, mal-ħsieb u mal-arti, filwaqt li simultanjament jinxteħet dawl fuq kemm il-vjolenza kapaċi tagħti gost f'kuntesti sekondarji, jiġifieri fejn wieħed ma jkunx qed jipparteċipa direttament. It-taqsima li ssegwi se tapplika dan kollu li ntqal għar-rumanzi ta' Muscat Azzopardi, fejn se jiġu diskussi l-osservazzjonijiet prinċipali tat-teżina. L-aħħar taqsima, imbagħad, se tagħti sommarju tal-konklużjonijiet li nġabru minn dan l-istudju.

## 2. It-Tipi ta' Vjolenza

Permezz tal-innovazzjonijiet teknoloġiċi fil-mezzi tax-xandir, il-vjolenza ħarġet iktar u iktar fil-beraħ. Ta' kuljum, wieħed jisma' aħbarijiet ta' serqiet, omiċidji, attakki terroristiċi u gwerer, li mhux biss qed iseħħu f'pajjiżu iżda anki lil hinn. Minħabba li hemm aktar espożizzjoni għal informazzjoni dwar dan it-tip ta' vjolenza li hi msejħa fiżika, ġeneralment meta tinstema' l-kelma 'vjolenza', wieħed jagħmel assoċjazzjoni awtomatika mal-fiżiku. Madankollu hemm tip ieħor ta' vjolenza li għalkemm ma jissemmiex daqs il-fiżiku għandu rwol determinanti.

### 2.1 Il-vjolenza fiżika

Il-vjolenza fiżika, imsejħa wkoll vjolenza suġġettiva minn Slavoj Žižek f'*Violence*, hi tip ta' vjolenza li tinvolvi aġenti ċari u azzjonijiet diretti, jew kif jixhed l-isem tal-istess tip, fiżiċi. Dan it-tip ta' vjolenza jieħu ħafna forom differenti u jista' jinvolvi diversi parteċipanti. Il-vjolenza fiżika hi l-aktar tip ta' vjolenza li tiġbed l-għajn minħabba li l-effetti u l-konsegwenzi tagħha jinħassu, u ħafna drabi huma viżibbli instantanjament.

### 2.2 Il-vjolenza mhux-fiżika

**Simbolika**

Il-vjolenza simbolika ssemmiet l-ewwel darba minn Pierre Bourdieu fl-1990 (*Reproduction in Education, Society and Culture* 4) u ġiet diskussa iktar tard minn Žižek fl-2008 (*Violence*). Dawn jispjegaw kif il-vjolenza simbolika hi relatata mal-poter ta' gruppi jew kategoriji soċjali differenti li jkollhom differenza prinċipali bejniethom bħalma huma n-nazzjonalità, is-sess u l-identità. Dan it-tip ta' vjolenza jista' jitwettaq anki lingwistikament minħabba li kull każ ta' preġudizzju jew diskriminazzjoni huwa tip ta' vjolenza simbolika fih innifsu.

**Psikoloġika**

Il-vjolenza psikoloġika (jew anke vjolenza emozzjonali) tirreferi għal kwalunkwe azzjoni intenzjonata li xxekkel serjament l-integrità psikoloġika ta' persuna oħra, jiġifieri kwalunkwe att li jikkawża ħsara psikoloġika lil dak li jkun. Xi forom ta' din il-vjolenza huma t-theddid, l-isfurzar, id-defamazzjoni, l-insulti verbali u l-fastidji (EIGE).

**Sistemika**

Il-vjolenza sistemika hija marbuta mal-prattiċi, mal-proċeduri jew, kif jirrifletti l-isem, mas-sistemi istituzzjonali tas-soċjetà li jaffettwaw l-individwi psikoloġikament, ekonomikament jew anki fiżikament. Žižek juża l-kunċett tal-vjolenza sistemika biex jindika li ċerti strutturi soċjali jew prattiċi istituzzjonali, bħad-dominanza politika jew

l-isfruttament kapitalista, iwasslu biex in-nies jipparteċipaw fil-vjolenza fiżika b'mod individwali, bħal każijiet ta' stupri u omiċidji, iżda wkoll b'mod kollettiv, bħall-gwerer (5).

## 3. Il-Vjolenza Simbolika fil-Politika, fil-Ħsieb u fl-Arti

B'mod ġenerali, fil-ħajja, wieħed jipprova joqgħod 'il bogħod mill-vjolenza. Ironikament, meta wieħed imbagħad jiġi għall-films, għad-drammi, għall-kotba, kif ukoll għal forom oħra ta' arti, ġieli anke mingħajr ma jkun jaf, ikun impressjonat u miġbud lejn il-vjolenza u saħansitra jkun jixtieq jara aktar.

Jacob Hoerger jirrifletti fuq il-fatt li l-individwu jġib ruħu b'mod differenti f'sitwazzjonijiet diversi li b'xi mod jinkludu l-vjolenza. Huwa jispjega li jekk wieħed jiftaħ l-istazzjon tal-aħbarijiet u jisma' b'vittma li tkun tilfet ħajjitha, għalkemm jaf jiddispjaċih għaliha, l-inċident ma jolqtux l-istess daqslikieku kellu jġarrab telfa ta' xi ħadd għażiż għalih. Hoerger jispjega li r-raġuni għal dan hi li, ġeneralment, meta wieħed jisma' b'nies li jkunu mietu fuq l-aħbarijiet, tkun l-ewwel darba li jkun sema' bihom u allura f'għajnejh dawn in-nies ikunu jidhru biss vittmi. B'kuntrast ma' xi ħadd li hu għażiż għalih, għal dawn il-vittmi ma jkunx laħaq żviluppa emozzjonijiet, allura, wara li jara l-aħbarijiet, ikompli l-ħajja b'mod normali ('Literature and Violence III').

Dan kollu jiġi esperjenzat fl-arti. Meta wieħed jorbot qalbu ma' xi karattru, li ħafna drabi jkun il-protagonist ta' xogħol letterarju, u dan jinqatel, il-qarrej jew it-telespettatur jinħasad u jinkedd iżda meta jinqatel karattru sekondarju fl-istess xogħol letterarju, il-ħasda tinħass ħafna inqas u f'mumenti saħansitra tintriga jew teċita lill-qarrej jew lit-telespettatur. Hoeger jikkonkludi, allura, li mingħajr dik il-binja emozzjonali, in-nuqqas tal-vittmi ma jinħassx. Din il-binja emozzjonali tintuża ħafna fix-xena artistika u letterarja meta l-awtur ikun irid itemm il-produzzjoni jew l-istorja b'mod drammatiku.

### 3.1 Il-gost u l-vjolenza

Għalkemm hemm argumenti varji dwar l-iskop tal-vjolenza fix-xogħlijiet letterarji, jidher li bosta drabi l-iskop tal-prominenza tat-tema hu sempliċiment l-eċitazzjoni u l-emozzjonijiet distinti li tipprovdi lill-bniedem. Minn din l-istqarrija tibda tqum il-mistoqsija għaliex jeżisti dan il-gost bil-vjolenza, xi ħaġa li meta tirrifletti fuqha tinstema' kważi

perversa. Mit-teżina ġie konkluż li dan jista' jkun minħabba żewġ kwalitajiet opposti fil-bniedem – is-sadiżmu u l-empatija.

## Is-sadiżmu

Għal din id-diskussjoni s-sadiżmu se jitfisser sempliċiment bħala l-gost li wieħed jieħu bl-uġigħ u s-sofferenza ta' ħaddieħor. Għal ħafna, is-sadiżmu jfisser l-isfruttament u l-umiljazzjoni ta' ħaddieħor, ħafna drabi bi mġiba aggressiva u distruttiva. Madankollu, Christian Jarrett jargumenta li dan mhux dejjem ikun il-każ u għalkemm jirrikonoxxi li dan it-tip ta' sadiżmu jeżisti, jargumenta li dan hu biss sadiżmu estrem u m'għandux jitħallat ma' sadiżmu ta' kuljum ("Everyday Sadism").

Is-sadiżmu ta' kuljum li jsemmi Jarrett hu l-kunċett li jispjega aħjar għala l-vjolenza tintriga lill-bniedem daqshekk. Hu jagħraf li l-pjaċir sadistiku jista' jimmotiva offiżi bħal omiċidji u delitti sesswali iżda jispjega li hu ħażin li s-sadiżmu jitqies bħala kwalità li tinsab biss f'min hu krudili u kriminali għaliex fil-verità din il-kwalità tinsab fil-maġġoranza tal-bnedmin. Hu jispjega li min iħaddan din il-kwalità jieħu gost bl-uġigħ fiżiku u psikoloġiku ta' ħaddieħor b'mod regolari. Eżempji ta' dan jagħti li wieħed jieħu pjaċir jara ġlieda fit-triq jew lil xi ħadd jiżbalja f'xi preżentazzjoni importanti fuq ix-xogħol. Jarrett jistqarr li b'hekk l-istudjużi jikkonkludu li s-sadiżmu mhux kwalità li wieħed ikollu jew ma jkollux, iżda kwalità li jħaddan kulħadd f'livelli differenti (*Psyche*).

## L-empatija

Biex tispjega r-raġuni għala l-bnedmin jieħdu gost u jeċitaw ruħhom meta jaraw jew jaqraw xena vjolenti fi thriller psikoloġiku jew anke fi kwalunkwe film jew ktieb, Vinita Nangia tieħu pożizzjoni opposta għal dik li jieħu Jarrett. Hi tispjega li numru ta' psikjatri jaqblu li n-nies jieħdu pjaċir b'dawn ix-xeni għax ikollhom fattur empatiku għoli (*The Times of India*). Għal din id-diskussjoni l-empatija se tittieħed bħala t-"twaħħid mas-sentimenti ta' xi ħadd" (Aquilina 595).

Fl-artiklu "The Dark Side of Empathy", il-psikologu Paul Bloom jieħu bħala eżempju l-ISIS u jispjega li għalkemm hu jiddikjara lilu nnifsu kontra l-qtil, persważ li jħoss ċertu sodisfazzjon kieku l-mexxejja tal-ISIS kellhom jiġu eliminati mid-dinja. Bloom jistqarr li din l-attitudni hi waħda tipika imma intellettwalment mhix xi ħaġa li wieħed iħossu kburi biha. Madankollu huwa jispjega li ma jinħassx dan is-sodisfazzjon minħabba emozzjonijiet ta' aggressjoni jew krudeltà lejn l-ISIS imma minħabba sentimenti ta' kompassjoni, imħabba u empatija lejn il-vittmi (*Science*).

F' *The Theory of Moral Sentiments,* Adam Smith josserva li meta wieħed jara lil xi ħadd jiġi mweġġa' minn ħaddieħor, ikollu xewqa kbira li jara lill-vittma jpattihielu "*We are rejoiced to see him attack his adversary in his turn, and are eager and ready to assist him whenever he exerts himself for defence, or even for vengeance within a certain degree*" (62).

Bloom jispjega li l-politiċi spiss jieħdu vantaġġ minn din il-kwalità. Hu jġib eżempju b'Donald Trump u l-każ ta' Kate Steinle, mara li nqatlet f'San Francisco minn immigrant illegali. Bloom jistqarr li Trump juża l-empatija biex ikompli jsaħħaħ l-argumenti tiegħu fuq il-qattiela Messikani, biex in-nies jempatizzaw ma' Kate Steinle u jirrabjaw għall-Messikani. B'dan il-mod Trump idawwar lill-udjenza tiegħu kontra l-Messikani. Bloom iġib ukoll eżempju b'Hitler li fit-tħejjija tiegħu għall-Olokawst, hu u niesu kienu jimmotivaw lis-suldati u lill-poplu Ġermaniż bi ħrejjef fuq il-Lhud li kienu jieklu t-tfal Ġermaniżi. Bloom jispjega li attakk fuq it-tfal ma jistax ma jinstigax din il-kwalità (*Science*).

### Il-vjolenza bħala spettaklu

L-emozzjonijiet u l-kwalitajiet li ġew diskussi jikkontribwixxu għall-gost li wieħed jieħu meta jara jew jaqra xeni vjolenti. Madankollu dan kollu jiddependi fuq kif jagħżel li joħloq ix-xena l-artist. Fejn tidħol il-vjolenza, ikun hemm bżonn ta' proċess ta' estetiċizzazzjoni (Thompson 30), proċess li fih l-emozzjonijiet negattivi li jakkumpanjaw il-vjolenza fil-ħajja reali se jinbidlu ma' apprezzament għat-teknika artistika jew letterarja (31). Iż-żewġ eżempji huma xeni vjolenti iżda l-kuntest hu kompletament differenti u allura r-reazzjoni tal-qarrej jew tat-telespettatur se tvarja rispettivament.

## 4. Il-Vjolenza fir-Rumanzi ta' Ġużè Muscat Azzopardi

### 4.1 L-ideoloġija u l-vjolenza

L-ideoloġija ta' Ġużè Muscat Azzopardi għandha sehem kbir fejn tidħol il-vjolenza. Muscat Azzopardi kiteb dawn ir-rumanzi bħala tentattiv biex jistabilixxi identità nazzjonali għall-pajjiż. L-identità għandha żewġ għanijiet prinċipali: l-ewwel, li wieħed isir jaf min hu; it-tieni, id-distinzjoni mill-oħrajn. Ingredjent essenzjali għall-identità nazzjonali hu l-għadu. L-għadu jagħti lil poplu l-opportunità li juri l-kobor tiegħu. Dan il-punt hu r-raġuni proprja għal ħafna mill-vjolenza fir-rakkonti ta' Muscat Azzopardi.

## 4.2 Il-vjolenza u l-effetti tagħha

Muscat Azzopardi kien konxju tal-fatt li l-vjolenza teċita lill-folla li tkun qiegħda tassisti għall-att, tant li l-awtur joħloq diversi inċidenti bħal dawn fir-rumanzi tiegħu:

> dak il-ħin saret tqanqila fil-poplu li kienet twaħħax, imma warajha waqgħet ħemda kbira li donnhom in-nies xtaqu ma jkollhomx ħlief għajnejn biex jaraw sewwa. (*Ċensu Barbara*, 26)

...

> Min jista' jfisser b'liema ħrara kienu jixxabbtu l-folol tan-nies minn wara spallejn is-suldati, minn fuq iċ-ċnut tal-parapetti, mit-truf tal-bjut, saħansitra mill-ogħla lamberżuni, biex jaraw dak il-gwerrier. (*Ċensu Barbara*, 37)

Dawn l-eżempji jenfasizzaw, appuntu, il-gost bil-vjolenza. Xeni mimlija vjolenza u sadiżmu għandhom il-qawwa li jeċitaw lill-qarrejja u allura jżommuhom jaqraw. Iżda hemm ingredjent importanti ieħor li, biex ngħidu hekk, jakkumpanja l-vjolenza u li wkoll għandu s-setgħa li jqanqal sew l-interess tal-qarrejja: l-erotiżmu. It-taħlit ta' vjolenza u erotiżmu huwa teknika importanti fil-proża li, imbagħad, intirtet u ġiet użata ħafna fiċ-ċinema. Muscat Azzopardi wkoll jagħmel dan, kif jidher f'din is-silta minn Susanna:

> L-imsejkna kienet għaxja u anqas id-daqqiet tas-saqajn li dawk il-kiefra bdew jagħtuha, lanqas it-tixbit mat-taraġ kollu, anqas il-ħsejjes ta' dawk ix-xwabel li kienu msallbin fuqha ma setgħu jġibuha f'sensiha...
>
> ... Xuxitha donnha qatta sbul tad-deheb, mitluqa fuq dawk l-ispallejn tar-rħam abjad, mnejn tibqa' nieżla sa 'l isfel minn qaddha. Ħaddejha lewn il-peprin, fommha tal-qroll, wiċċha mdawwar bħal ħawħa. Misluta donnha vara, riġlejha daqs ta' tarbija, dak is-sider, safi bħal susan, jogħla bi ħrara kbira. Dak il-ħin, kienet titlef bosta minn dan il-ġmiel kollu, iżda t-telfa li sabet ruħha fiha bilkemm ma kinitx iżżid fi sbuħitha! (70).

Tul ir-rakkonti tiegħu Muscat Azzopardi jżewweġ l-ambjent ma' dak li jkun qed jiġri fir-rumanz, allura wieħed jista' jgħid li l-ambjent fir-rumanzi kollha dejjem jantiċipa l-gwaj li se jinqala' iktar tard fir-rakkont. Il-lejl huwa motiv li jintroduċi l-personaġġi l-ħżiena tar-rumanz rispettiv. Wieħed jinnota li l-parti l-kbira tar-rumanzi ta' Muscat Azzopardi jibdew fis-satra tal-lejl, jiġifieri mal-ewwel paġni

tar-rumanz il-qarrej ikun diġà ltaqa' mal-personaġġi l-ħżiena kif ukoll esperjenza xena vjolenti. *Viku Mason* jiftaħ b'femmiċidju:

> Xħin l-imsejkna waqgħet gozz fl-art kif kienet għadha bit-trabija fi ħdanha, dak il-kiefer niżel fuqha bi rkopptu, taqqabha bħal għarbiel b'dsatax-il daqqa oħra tal-istallett u b'ragħwa kbira ħierġa minn ħalqu, ħwejġu joqtru bid-dmija tal-imsejkna, jonfoħ bħal barri qabad għonq it-triq u baqa' sejjer (7).

U *Susanna* jibda b'attakk fuq Ħal Qormi fejn

> Ma kontx tara quddiemek ħlief trabi mgħaffġin taħt is-saqajn, xjuħ imsabbta mal-art, nisa mkarkrin minn xuxithom, irġiel jagħtu b'kulma jiġi f'idejhom, jaqilgħu fejn ġie ġie, f'telfa l-iżjed kbira li ħadd ma jaf x'inhu jagħmel. Ma kontx tisma' f'widnejk ħlief ħsejjes ta' djar qegħdin jaqgħu, tleblib ta' nirien kbar iħaġġu, ħalf u talb 'l Alla, kollox imħallat flimkien fl-akbar taħbila li wieħed jista' jaħseb (65).

Minn dawn is-siltiet jidher kif Muscat Azzopardi mhux biss jirrapporta l-att vjolenti imma jiddeskrivih b'mod grafiku ħafna. Terġa' u tgħid, l-awtur juża l-aktar individwi vulnerabbli, jiġifieri t-trabi, ix-xjuħ u n-nisa, bħala vittmi biex iqanqal aktar empatija fil-qarrejja, u simultanjament rabja għall-għadu rispettiv. F' *Viku Mason*, wara l-ewwel xena, il-qarrejja jempatizzaw mal-mara u mat-tarbija u jkunu jridu tpattija għal Mason, li hu l-għadu Franċiż tar-rumanz.

Il-vjolenza f'dawn ir-rumanzi tiġi rrappurtata permezz ta' narratur omnixjenti li jinkixef kontinwament permezz tal-ġudizzji li jgħaddi, li jġiegħlu lill-qarrejja jaħsbu li kull att vjolenti li jwettqu l-Maltin hu ġġustifikat għax il-vendetta hija ġusta. Mod kif tiġi ġġustifikata l-vjolenza min-naħa tal-Maltin hu permezz tal-involviment t'Alla fil-vjolenza tal-Maltin. Tul ir-rakkonti Alla hu ppolitiċizzat u għandu loġika li tixbah lil tal-bnedmin, loġika fejn it-tajjeb (il-Malti) ħaqqu jgħix u l-ħażin imut. Eżempju jinsab f'*Toni Bajjada* "Alla ħallsek ta' dan il-qerq kollu... Alla ħallsek, billi reġa' ġiebek taħt idejna! Issa naraw terġax tithenna bil-għali tagħna" (57).

## 4.3 Forom differenti ta' vjolenza

F'Muscat Azzopardi jixirfu t-tipi kollha ta' vjolenza li ġew diskussi qabel. Fi wħud mir-rumanzi tidher vjolenza ta' skala massiva, bħall-Assedju l-Kbir u numru ta' battalji oħra, iżda mbagħad tidher ukoll vjolenza fuq skala ħafna iżgħar bħall-episodju li fih Viku Mason joqtol lil martu.

Il-vjolenza fiżika hi konsistenti u determinanti fir-rumanzi minħabba l-flessibilità li tipprovdi lill-awtur, kif ukoll minħabba li hi forma ta' vjolenza viżibbli u b'hekk tqajjem iktar emozzjonijiet lill-qarrejja. B'dan il-mod Muscat Azzopardi seta' faċilment juri l-kobor tal-eroj Malti u tal-poplu Malti nnifsu. Wieħed jinnota wkoll il-forom differenti ta' vjolenza li ħadu sehem determinat tul dawn ir-rakkonti, fosthom il-vjolenza fuq l-innifsi, il-vjolenza domestika, il-vjolenza kollettiva, kif ukoll il-vjolenza sistemika.

Ħafna drabi l-vjolenza fiżika tmur id f'id ma' vjolenza li mhix fiżika minħabba li fil-parti l-kbira tal-każijiet, waħda twassal għall-oħra. F'kitbiet Muscat Azzopardi, it-tipi ta' vjolenza mhux-fiżika li jidhru l-aktar huma l-vjolenza psikoloġika, li ħafna drabi tidher f'forom ta' theddid u insulti verbali, il-vjolenza sistemika u l-vjolenza simbolika, li għandha sehem intriganti f'Muscat Azzopardi u tikkontribwixxi għat-twettiq tal-ideoloġija tiegħu.

Jekk in-narratur u/jew il-kittieb jirrakkonta b'mod li juri diskriminazzjoni jew il-preġudizzju minnu nnifsu hu allura jkun qed iwettaq vjolenza simbolika. F'numru ta' xeni differenti, ir-rakkonti ta' Muscat Azzopardi joħolqu vjolenza simbolika primarjament fuq żewġ entitajiet – il-barrani u l-mara. Din il-vjolenza simbolika tinħoloq permezz ta' kif jitpinġew u x'jagħmlu l-karattri fin-nisġa tar-rakkont, kif ukoll permezz ta' kummenti espliċiti li jistgħu jitqiesu bħala insulti verbali tan-narratur innifsu.

Ir-rakkonti joħolqu vjolenza simbolika fuq razza sħiħa. Fin-nisġa tar-rakkonti t-Torok dejjem jidhru koroh, stupidi u fuq kollox ħżiena, b'eċċezzjoni għal Frażir f'*Susanna*. F'*Toni Bajjada* n-narratur juri lill-qarrej kemm hu faċli biex minn Malti ssir Tork, "libes ta' Tork bħal dari, inżebagħ bin-nugrufun u telaq" (55).

Meta wieħed jiġi għall-vjolenza simbolika fuq il-mara, isib li hemm żewġ tipi. L-ewwel tip hu fejn fin-nisġa tar-rakkont il-persunaġġi femminili qatt ma jingħataw aġenzija, allura bl-istess mod huma passivi, dgħajfin — kemm fiżikament u kemm emozzjonalment — sottomessi, u mingħajr ebda ambizzjoni, pereżempju Palma u Ġannina f'*Ċejlu Tonna* u omm u l-għarusa ta' Bajjada f'*Toni Bajjada*. It-tip l-ieħor jinvolvi persunaġġi femminili li jingħataw poter u jirribellaw iżda dawn jingħataw kundanna ta' għemilhom iktar tard fir-rakkont, pereżempju Susanna u Mehdija f'*Susanna* u Giorgina f'*Ċensu Barbara*.

## 5. Għeluq

Il-vjolenza f'kitbiet Muscat Azzopardi għandha għan doppju: fuq naħa sservi r-rekwiżiti ideoloġiċi ta' awtur ippreokkupat bit-tiswir ta' identità nazzjonali fit-tradizzjoni Romantika; fuq l-oħra sservi teknika letterarja li tinstiga eċitament fil-qarrejja u tħajjarhom ikomplu jaqraw. Minħabba li t-tema tal-vjolenza fil-letteratura ma ngħatatx wisq attenzjoni, għad hemm ħafna studji x'jistgħu jsiru biex jakkumpanjaw lil dan. Madankollu, wieħed jittama li dan l-istudju jservi ta' ċavetta għal numru ta' bibien li għadhom ma nfetħux sabiex fil-kritika letterarja tibda tingħata l-attenzjoni mistħoqqa lil din it-tema li ċertament tiddomina numru ta' xogħlijiet letterarji. Wieħed jittama wkoll li permezz ta' dan l-istudju jibdew jiġu apprezzati aktar it-tekniki mistura fil-kitbiet tar-rumanzier Ġużè Muscat Azzopardi.

# Biblijografija


Aquilina, Joseph. *Concise Maltese English, English Maltese Dictionary*. Midsea Books, 2006.

Bloom, Paul. "How Empathy Makes People More Violent". *The Atlantic,* 25 Settembru 2015, https://www.theatlantic.com/science/archive/2015/09/the-violence-of-empathy/407155/. Aċċessat 22 Diċembru 2020.

Bourdieu, Pierre, u Jean-Claude Passeron. *Reproduction in Education, Society and Culture,* It-tieni edizzjoni. Sage Publications, Inc, 1990, pp. xxvi, 254.

Hoerger, Jacob. "Literature and Violence I: Does Good Fiction Require Violence?" *Medium,* 13 Apr. 2016, https://medium.com/@jacobhoerger/literature-and-violence-i-does-good-fiction-require-violence-49d13c2686bd. Aċċessat 19 Diċembru 2020.

---. "Literature and Violence III: How Is Violence Successfully Employed in Fiction?" *Medium,* 29 Apr. 2016, https://medium.com/@jacobhoerger/literature-and-violence-iii-how-do-authors-successfully-employ-violence-233f1cdadbf7. Aċċessat 19 Diċembru 2020.

Jarrett, Christian. "Everyday Sadism". *Psyche,* https://psyche.co/ideas/ever-taken-pleasure-in-anothers-pain-thats-everyday-sadism. Aċċessat 22 Diċembru 2020.

Muscat Azzopardi, Ġużè. *Ċejlu Tonna*. Klabb Kotba Maltin, 2001.

---. *Ċensu Barbara*. Klabb Kotba Maltin, 2001.

---. *Toni Bajjada*. Klabb Kotba Maltin, 2001.

---. *Viku Mason* u *Susanna*. Klabb Kotba Maltin, 2004.

Nangia, Vinita Dawra. "Why Are We Obsessed with Psychological Thrillers?" *Times of India Blog,* 15 Settembru 2019, https://timesofindia.indiatimes.com/blogs/O-zone/why-are-we-obsessed-with-psychological-thrillers/. Aċċessat 2 Jannar 2021.

Thompson, Allan Campbell. *The Representation and Aestheticisation of Violence*. Citeseer, 2001.

Žižek, Slavoj. *Violence: Six Sideways Reflections*. Picador, 2008.

# Il-Funzjoni Avverbjali ta' Forom Aġġettivali

Studenta:
Deborah Muscat

Tutur:
Prof. Albert Borg

## 1. Daħla

Minkejja li l-kliem fil-lingwa nikklassifikawh f'partijiet tad-diskors, dan ma jfissirx li ma jistax jaqdi funzjonijiet oħra li tradizzjonalment jintrabtu ma' partijiet tad-diskors oħra. Dan l-artiklu se jipprova jixħet dawl fuq l-aġġettiv li xi minn daqqiet jieħu funzjoni avverbjali fil-Malti bħal f'eżempju 1.

[1] L-istudenti marru tajjeb.

Ħafna drabi l-letteratura teknika tisħaq li l-funzjoni avverbjali ma tinflettix għall-kategoriji grammatikali, bħall-għadd u l-ġens, bi qbil mal-parti tad-diskors immodifikata. Iżda bħala kelliema nattiva konxja li dan mhuwiex dejjem minnu, kif jixhed eżempju 2.

[2] Is-siġar jikbru dritti.

Minħabba n-natura konċiża ta' dan l-istudju, nillimita ruħi għal numru ta' aġġettivi. L-iskop ewlieni ta' dan l-artiklu hu li jistħarreġ kemm fil-prattika hija ċentrali l-funzjoni avverbjali bil-karatteristika tan-nuqqas ta' qbil inflettiv filwaqt li jfannad fir-raġunijiet li jistgħu jwasslu biex dan in-nuqqas ma jseħħx.

## 2. Xi ntqal diġà

Ftit huma x-xogħlijiet fil-letteratura teknika tal-Malti li jirrikonoxxu l-funzjoni avverbjali tal-aġġettiv. Hu interessanti li l-grammatki ta' Aquilina (1965), Cachia (1994) u Sutcliffe (1936) ma jsemmu xejn dwar din il-funzjoni possibbli tal-aġġettiv iżda jittrattaw il-partijiet tal-aġġettiv u tal-avverb f'sezzjonijiet separati.

Min-naħa l-oħra, il-grammatika ta' Borg u Azzopardi-Alexander (1997, p. 58) issemmi din il-funzjoni mingħajr ma tidħol fil-kwistjoni tal-qbil grammatikali.

L-istudjużi li jiddiskutu dan il-fenomenu jsostnu li l-funzjoni avverbjali tinnewtralizza kwalunkwe inflessjoni tal-aġġettiv. F'tabella 1 niġbor uħud minn dawn l-istqarrijiet.

**Tabella 1: Xi ntqal dwar l-inflessjoni tal-aġġettivi b'funzjoni avverbjali**

| Sors | Dwar l-inflessjoni tal-aġġettivi b'funzjoni avverbjali |
|---|---|
| Amaira, 2014, p. 87 | "l-aġġettivi b'funzjoni avverbjali [...] ma jinflettux skont il-verb jew il-katina ta' verbi fis-sentenza." |
| Borg, 2001, p. 139 | "f'dan l-użu l-aġġettivi m'għandhomx inflessjoni [u] tintuża dejjem il-forma singular maskil" |
| Mifsud, 2014, p. 51 | "kull modifikatur li jista' jiffunzjona kemm ta' aġġettiv [kif ukoll] ta' avverbju [...] jibqa' fil-forma mhux immarkata" |

Amaira (2014, pp. 89-92) jagħti l-eżempju li jidher fi [3] b'*ferħana* li tinfletti għall-femminil singular bi qbil mas-suġġett tas-sentenza, *Marija*, u ma tinħassx stramba għall-kelliema nattivi għax mhux qed timmodifika l-verb *ferħana* qed jgħaddi iktar informazzjoni dwar Marija milli dwar l-azzjoni tagħha. Amaira jżid li l-inflessjoni tal-aġġettiv tiddependi mill-funzjoni. Ngħidu aħna f'[4], *tajjeb* hu aġġettiv b'funzjoni avverbjali għax qed jimmodifika verb – xi ħaġa li mhijiex nom – billi jgħaddi iżjed informazzjoni fuq l-azzjoni tal-ħruġ.

Min-naħa l-oħra, f'[5] *tajba* hu aġġettiv predikattiv – aġġettiv li jsib ruħu fil-predikat tas-sentenza, il-parti li tiġbor fiha dak li qed jingħad dwar is-suġġett – u qed jinfletti għall-għadd u għall-ġens biex jaqbel grammatikalment man-nom.

[3] Marija ħarġet (tiġri) ferħana mill-klassi.
[4] Il-kummiedja ħarġet tajjeb.
[5] Il-kummiedja ħarġet tajba.

Jibqa' bħal vojt fil-letteratura teknika dwar meta forma aġġettivali tista'

titqies bħala aġġettiv predikattiv u mhux forma aġġettivali b'funzjoni avverbjali minkejja li l-qbil grammatikali mhuwiex soppress. Il-letteratura teknika lanqas ma tindirizza meta jew għaliex il-qbil grammatikali ma jkunx sospiż.

# 3. Il-metodoloġija

## 3.1. L-għażla tal-aġġettivi

Iffokajt biss fuq ftit aġġettivi minħabba n-natura limitata ta' dan l-istħarriġ. Kien importanti li nagħżel aġġettivi li ma jbiddlux il-forma tagħhom bejn il-funzjoni aġġettivali u l-funzjoni avverbjali. Fi kliem ieħor, m'għażiltx aġġettivi li għandhom il-forma speċifikament avverbjali bis-suffiss *-ment* bħal *sfortunatament*. L-aġġettivi li analizzajt huma: *tajjeb, ħażin, sabiħ, perfett, vojt, fin, aggressiv, ċar, determinat, dritt* u *ħelu*. Analizzajt ukoll il-forom inflettivi tagħhom, fi kliem ieħor, il-forom tal-femminil u tal-plural. L-aġġettivi *tajjeb* u *ħażin* huma magħrufin għall-użu avverbjali tagħhom iżda wessajt l-analiżi wkoll għal aġġettivi oħra li jistgħu possibbilment jintużaw bħala avverbji ta' manjiera.

## 3.2. Il-korpus bħala punt ta' tluq

Għall-fini ta' dan l-istudju użajt il-korpus tal-MLRS, verżjoni 3.0. Għalhekk, dan l-istudju jittratta primarjament il-Malti miktub. F'xi waqtiet tul l-analiżi użajt ukoll l-għarfien tiegħi tal-lingwa u qabbilt l-idjolett tiegħi mal-materjal misjub. Waqtiet oħra, meta iktar minn interpretazzjoni waħda kienet possibbli, l-idjolett tiegħi serva t'għajnuna sabiex inxaqleb lejn waħda u mhux oħra, għalkemm xorta ppreżentajt l-interpretazzjonijiet kollha li rajt possibbli. F'każijiet interessanti, l-aktar minħabba n-nuqqas ta' letteratura teknika bħala punt ta' tluq, ikkonsultajt xi kelliema tal-Malti sabiex ir-riżultat ma jkunx ibbażat biss fuq l-idjolett tiegħi u b'hekk nagħti stampa aktar kompluta.

Analizzajt manwalment 'il fuq minn 3,600 okkorrenza li minnhom identifikajt numru relattivament żgħir ta' każijiet li fihom l-aġġettiv jidher li jokkorri bħala avverb, imqar jekk ma jkunx maskil singular. Kelli nillimita ruħi għall-ewwel 100 okkorrenza li jagħti l-korpus għal kull forma aġġettivali. Fridt l-okkorrenzi abbażi tal-funzjoni. Dawn il-funzjonijiet kienu primarjament tlieta – il-funzjoni nominali, aġġettivali u avverbjali.

# 4. L-analiżi

Għal dan l-istudju m'adottajtx xi prinċipji mill-bidu u mxejt magħhom imma wasalt għall-mod t'analiżi li eventwalment ħaddimt abbażi ta' tendenzi li bdejt ninnota waqt l-analiżi tal-kampjun tal-okkorrenzi. Il-kampjun tiegħi wera li n-newtralizzazzjoni inflettiva mhijiex karatteristika tal-aġġettiv u, għalhekk, tindika awtomatikament l-użu avverbjali fi kwalunkwe pożizzjoni.

Il-forom aġġettivali predikattivi li analizzajt ikklassifikajthom skont x'element okkupa l-post tal-frażi verbali fis-sentenza. Il-frażi verbali kienet espressjoni kopulari, parteċipju jew verb. Espressjoni kopulari ġġonġi s-suġġett mal-bqija tas-sentenza mingħajr ma ġġorr wisq tifsir semantiku.

Meta l-frażi verbali kienet verb jew parteċipju, fridt id-dinamiċi mill-istativi – dawk li juru azzjoni jew proċess minn dawk li juru stat. L-istatività jew id-dinamiċità tal-frażi verbali tgħin biex tkun determinata l-funzjoni tal-forma aġġettivali fl-istess predikat. Meta l-forma aġġettivali qablet grammatikament mas-suġġett u l-frażi verbali kienet stativa, il-forma aġġettivali tqieset bħala aġġettiv predikattiv. Ma' frażijiet verbali li dehru b'tifsira dinamika,qist il-forma aġġettivali bħala avverbjali indipendentement mill-qbil grammatikali jew in-nuqqas tiegħu.

Meta parteċipju, passiv jew attiv, okkupa l-pożizzjoni tal-frażi verbali, ittrattajt il-forma aġġettivali fi predikat b'parteċipju attiv stativ jew b'parteċipju passiv bħala aġġettiv predikattiv meta ma ssospendietx il-qbil grammatikali. Meta l-parteċipju attiv kien dinamiku, qist il-forma aġġettivali fil-predikat bħala avverbjali lil hinn mill-qbil grammatikali.

## 4.1. Il-funzjoni avverbjali

### 4.1.1. Funzjoni avverbjali ma' *qiegħed* u *jinsab* b'użu verbali

Iltqajt ma' okkorrenza li fiha l-forma aġġettivali taqdi funzjoni avverbjali minkejja li tokkorri fi predikat bil-parteċipju attiv *qegħdin*, kif jidher f'eżempju 6. Din l-okkorrenza qed turi l-forma aġġettivali *tajjeb* fil-maskil singular mingħajr qbil mas-suġġett plural. Hawn il-parteċipju attiv mhuwiex jintuża bħala espressjoni kopulari ladarba s-sentenza teħtieġu u ma tagħmilx sens mingħajru imma qed jieħu użu verbali.

Analizzajt jekk naċċettax avverb ukoll meta dan il-parteċipju jkun fil-femminil singular u liema forom aġġettivali, minn dawk semantikament possibbli, naċċetta

b'funzjoni avverbjali mill-aġġettivi li qed nanalizza f'dan l-istudju. B'mod ġenerali, naċċetta biss il-forom aġġettivali *tajjeb* u *ħażin* f'funzjoni avverbjali fil-predikat bi kwalunkwe inflessjoni li jista' jieħu l-parteċipju attiv *qiegħed*, kif juru eżempji 7-15. Il-forom aġġettivali l-oħra naċċettahom biss bħala aġġettivi predikattivi, għalkemm *ħelu* nista' b'xi mod naċċettah b'funzjoni avverbjali wkoll.

[6] Illum qegħdin tajjeb.
[7] Illum qiegħda tajjeb.
[8] Illum qiegħda ħażin.
[9] Illum qegħdin ħażin.
[10] *Illum qiegħda perfett.
[11] *Illum qegħdin perfett.
[12] *Kemm qiegħda dritt!
[13] *Kemm qegħdin dritt!
[14] ?Kemm qiegħda ħelu!
[15] ?Kemm qegħdin ħelu!

Wessajt l-analiżi għal forma verbali oħra, *jinsab*, li wkoll f'xi kuntesti taqdi funzjoni kopulari. Fil-predikat b'*jinsab* użat verbalment naċċetta biss *tajjeb* u *ħażin* b'funzjoni avverbjali kif jidher f'16-29. Għaldaqstant, il-forom aġġettivali *perfett, dritt, ħelu, vojt* u *determinat* nittrattahom bħala aġġettivi predikattivi li jaqblu fl-inflessjoni mas-suġġett fi predikat b'verb stativ.

[16] Illum tinsab tajjeb.
[17] Illum jinsabu tajjeb.
[18] Illum tinsab ħażin.
[19] Illum jinsabu ħażin.
[20] *Illum tinsab perfett.
[21] *Illum jinsabu perfett.
[22] *Illum tinsab dritt.
[23] *Illum jinsabu dritt.
[24] *Illum tinsab ħelu.
[25] *Illum jinsabu ħelu.
[26] *Illum tinsab vojt.
[27] *Illum jinsabu vojt.
[28] *Illum tinsab determinat.
[29] *Illum jinsabu determinat.

Mill-analiżi tiegħi, huma biss il-forom aġġettivali *tajjeb* u *ħażin* li ċertament jistgħu jaqdu funzjoni avverbjali fi predikat bil-verb *jinsab* jew bil-parteċipju attiv *qiegħed*. Dawn iż-żewġ forom aġġettivali huma komuni u magħrufin għall-użu avverbjali tagħhom. Dan seta' wassal għad-differenza fl-imġiba bejn dawn il-forom aġġettivali u l-bqija tal-aġġettivi mistħarrġa.

### 4.1.2. Funzjoni avverbjali ma' pronomi personali

Analizzajt ukoll il-possibilità ta' funzjoni avverbjali fi predikat bi pronom personali b'użu kopulari iżda l-ebda waħda mill-forom aġġettivali possibbli ma naċċetta b'funzjoni avverbjali, la jekk il-pronom personali jinfletti għall-femminil u lanqas jekk jinfletti għall-plural, kif nuri f'eżempji 30-51.

[30] *Kemm hija tajjeb!
[31] *Kemm huma tajjeb!
[32] *Kemm hija ħażin!
[33] *Kemm huma ħażin!
[34] *Kemm hija sabiħ!
[35] *Kemm huma sabiħ!
[36] *Kemm hija perfett!
[37] *Kemm huma perfett!
[38] *Kemm hija vojt!
[39] *Kemm huma vojt!
[40] *Kemm hija fin!
[41] *Kemm huma fin!
[42] *Kemm hija aggressiv!
[43] *Kemm huma aggressiv!
[44] *Kemm hija ċar!
[45] *Kemm huma ċar!
[46] *Kemm hija determinat!
[47] *Kemm huma determinat!
[48] *Kemm hija dritt!
[49] *Kemm huma dritt!
[50] *Kemm hija ħelu!
[51] *Kemm huma ħelu!

F'din it-taqsima, il-pronomi personali dehru f'kuntest kopulari u ebda forma aġġettivali ma dehret li tista' tintuża avverbjalment f'dan il-kuntest. Għalhekk, il-funzjoni avverbjali tikkolloka ma' frażi verbali iżda mhux mal-użu kopulari. Fi kliem ieħor, forom aġġettivali b'funzjoni avverbjali huma possibbli fi predikati bil-verb *jinsab* jew bil-parteċipju attiv *qiegħed* b'użu verbali.

Interpretazzjoni oħra tkun li l-forma aġġettivali tibqa' b'funzjoni aġġettivali iżda *tajjeb* u *ħażin* għandhom il-possibilità li jinnewtralizzaw l-inflessjoni, interpretazzjoni li tiċħad il-funzjoni avverbjali f'din il-pożizzjoni. Din l-aħħar analiżi hi aktarx skorretta minħabba li xejra ewlenija tal-aġġettivi, kemm attributtivi kif ukoll predikattivi, hi li jinflettu bi qbil man-nom li jimmodifikaw.

## 4.1.3. Funzjoni avverbjali ma' frażi verbali b'tifsira ta' stativitá

Hu interessanti ferm għal dan l-istħarriġ li tliet okkorrenzi li nuri fi 52-54 urew frażi verbali b'tifsira stativa li tippreċedi forma aġġettivali bi qbil grammatikali sospiż, tendenza li norbtuha mal-funzjoni avverbjali.

[52] Din hija triq li mit-tfassil tagħha fl-1982/1983 saret ħażin.
[53] Kemm idoqqu ħelu l-proposti [...]
[54] Dan ix-xogħol [...] għandu jirrendi iktar sempliċi u ċar is-sistema legali.

Bħala kelliema nattiva, naċċetta bla problemi sentenza bħal 55. Il-verb stativ *jixbah* qed ikun immodifikat bil-forma avverbjali *immensament*. Dan għandu jservi ta' turija ċara li avverb f'din il-pożizzjoni fil-Malti hu definittivament possibbli minħabba li l-forma li tispiċċa bis-suffiss *-ment* turi forma b'funzjoni avverbjali u mhux aġġettiv li jista' jaqdi funzjoni avverbjali jew aġġettivali skont il-kuntest.

[55] Ħuh jixbah immensament lil ommu.

Forom aġġettivali fi predikat b'parteċipju attiv stativ tqiesu bħala aġġettivi predikattivi ladarba s-sospensjoni inflettiva ma dehritx biċ-ċar, kif juri eżempju 56. Forom aġġettivali fi predikat b'parteċipju passiv tqiesu bħala aġġettivi użati avverbjalment biss meta l-qbil grammatikali kien innewtralizzat, bħal eżempju 57.

[56] qalu lir-rajjes tagħhom li liebes tajjeb
[57] Sorsi informati tajjeb

Applikajt il-possibilità ta' aġġettivi b'funzjoni avverbjali ma' xi verbi stativi u użajt l-għarfien tiegħi bħala kelliema nattiva. Poġġejt il-forom aġġettivali semantikament possibbli kkollokati mal-verbi *spiċċa* bit-tifsira stativa ta' *sab ruħu, tħalla* u *nstema'*. Mal-verb *spiċċa* l-forom *tajjeb, ħażin, sabiħ* u ħelu setgħu jidhru mingħajr qbil grammatikali u, allura, b'użu avverbjali għall-kuntrarju tal-forma *vojt,* kif jidher fi 58-67.

[58] Kemm spiċċat tajjeb!
[59] Kemm spiċċaw tajjeb!
[60] Kemm spiċċat ħażin!
[61] Kemm spiċċaw ħażin!
[62] Kemm spiċċat sabiħ!
[63] Kemm spiċċaw sabiħ!
[64] Kemm spiċċat ħelu!
[65] Kemm spiċċaw ħelu!
[66] *Illum spiċċat vojt.
[67] *Illum spiċċaw vojt.

Mal-verb *tħalla* applikajt mill-ġdid il-forom *tajjeb, ħażin* u *sabiħ,* kif qed nuri fi 68-73. *Tajjeb* u *sabiħ* reġgħu dehru possibbli mingħajr qbil grammatikali, għalhekk, b'funzjoni avverbjali iżda din id-darba għandi dubju dwar kemm naċċetta *sabiħ* b'funzjoni avverbjali, għalkemm naċċettah żgur b'funzjoni aġġettivali.

[68] Kemm tħalliet tajjeb!
[69] Kemm tħallew tajjeb!
[70] Kemm tħalliet ħażin!
[71] Kemm tħallew ħażin!
[72] ?Kemm tħalliet sabiħ!
[73] ?Kemm tħallew sabiħ!

Eżempji 74-87 juru l-verb stativ *instema'* applikat mal-forom aġġettivali *tajjeb,* ħażin, ċar, *sabiħ, determinat, aggressiv* u *ħelu*. Din id-darba ma naċċettax biss il-forom *determinat* u *aggressiv* b'newtralizzazzjoni inflettiva, karatteristika li tintrabat mal-użu avverbjali, ikkollokati ma' dan il-verb.

[74] Kemm instemgħet tajjeb!
[75] Kemm instemgħu tajjeb!
[76] Kemm instemgħet ħażin!
[77] Kemm instemgħu ħażin!
[78] Kemm instemgħet ċar!
[79] Kemm instemgħu ċar!
[80] Kemm instemgħet sabiħ!

[81] Kemm instemgħu sabiħ!
[82] Kemm instemgħet ħelu!
[83] Kemm instemgħu ħelu!
[84] *Kemm instemgħet determinat!
[85] *Kemm instemgħu determinat!
[86] *Kemm instemgħet aggressiv!
[87] *Kemm instemgħu aggressiv!

Dan il-kampjun, minkejja li limitat, juri biċ-ċar li abbażi tas-semantika, mhux il-forom aġġettivali kollha għandhom il-possibilità ta' funzjoni avverbjali fi predikat b'verb stativ u dawk li għandhom din il-possibilità, mhux bilfors li jistgħu jagħmlu dan ma' kull verb stativ li jkunu kkollokati miegħu. Min-naħa l-oħra, il-forom *tajjeb* u *ħażin* dehru bħala possibbli b'funzjoni avverbjali mat-tliet verbi stativi li analizzajt. Din l-osservazzjoni ssaħħaħ l-idea li dawn iż-żewġ forom aġġettivali aktarx jistgħu jippreżtaw ruħhom għall-użu avverbjali iktar minn oħrajn.

Kienu biss erbgħa l-okkorrenzi li nnewtralizzaw il-qbil grammatikali fil-predikat b'verbi stativi inklużi l-espressjonijiet kopulari b'użu verbali. Dan juri li l-funzjoni avverbjali mhux komuni li tinstab f'din il-pożizzjoni u, għalhekk, il-bqija tal-forom aġġettivali f'din il-pożizzjoni kienu aġġettivi predikattivi. Il-possibilità t'avverb fil-predikat bi frażi verbali stativa fil-Malti tikkontradixxi dak li Herring (2016, p. 864) qal għall-Ingliż.

### 4.1.4. Funzjoni avverbjali ma' frażi verbali b'tifsira dinamika

Mill-każijiet b'forma aġġettivali użata avverbjalment jidher li hemm tendenza li din issegwi eżatt il-frażi verbali meta taqdi din il-funzjoni. Fil-maġġoranza tal-każijiet b'xi element lingwistiku wieħed jew iktar bejn il-frażi verbali u l-forma aġġettivali, tal-aħħar ma qdietx funzjoni avverbjali iżda funzjoni aġġettivali. Għalhekk, din it-tendenza tista' titwessa' biex tkopri forom aġġettivali użati avverbjalment fi predikat b'verb b'tifsira dinamika, suppożizzjoni kkonfermata fil-kampjun tiegħi.

Minkejja dan, xi okkorrenzi ma segwewx din it-tendenza ġenerali. Dawn ħafna drabi kienu jinkludu l-aġġettiv fil-binja mtennija, bħal eżempju 88, u kliem ieħor li jagħmel parti mill-parti tad-diskors tal-avverb, bħal eżempju 89.

[88] leħen fil-fond li lilu qabbdu n-ngħas ħelu ħelu.
[89] Is-sewwieq niżel mill-vettura malajr.

Verbi oħra tipikament stativi dehru f'kuntesti b'tifsira dinamika u kienu mmodifikati b'avverb, kif jixhed eżempju 90.

[90] affarijiet li ma jirriflettux sabiħ fuqek

L-aġġettivi b'funzjoni avverbjali fil-kampjun tiegħi mhux biss immodifikaw il-verbi iżda wkoll il-parteċipji attivi mhux stativi li okkupaw il-pożizzjoni tal-frażi verbali, kif jidher f'91.

[91] qasam delikat li kien miexi perfett

Kuntrarju għal dak li wieħed seta' stenna, forom aġġettivali b'funzjoni avverbjali kkollokati ma' frażi verbali dinamika ma ssospendewx il-qbil grammatikali esklussivament.

## 4.2. Riżultati

Il-forom aġġettivali li ma nnewtralizzawx il-qbil fi predikat bi frażi verbali stativa mhux qed inqishom bħala eċċezzjonijiet għall-funzjoni avverbjali iżda bħala aġġettivi predikattivi li qed jimmodifikaw is-suġġett. Konsegwentement, spiċċajt b'numru relattivament żgħir ta' okkorrenzi b'forma aġġettivali li ma tinnewtralizzax l-infessjoni fil-funzjoni avverbjali.

Mill-kampjun ta' madwar 100 okkorrenza valida għal kull waħda mit-tliet forom inflettivi possibbli ta' kull aġġettiv, in-numru ta' okkorrenzi misjuba b'forma aġġettivali użata avverbjalment jindika kemm hi komuni jew possibbli l-funzjoni avverbjali ma' dawn l-aġġettivi. Tabella 2 turi kemm mill-okkorrenzi validi, fihom dehret il-forma aġġettivali użata avverbjalment – figuri li ppreżentajthom ukoll f'persentaġġi. Sabiex l-istampa tkun iktar ċara viżwalment, qed nirrappreżenta l-istess persentaġġi f'figura 1.

**Tabella 2: Il-persentaġġi tal-forom aġġettivali b'funzjoni avverbjali**

| Aġġettiv | Total ta' okkorrenzi validi | Numru ta' okkorrenzi b'funzjoni avverbjali | Persentaġġ ta' okkorrenzi b'funzjoni avverbjali (%) |
|---|---|---|---|
| aggressiv | 300 | 0 | 0 |
| ċar | 300 | 15 | 5 |
| determinat | 300 | 0 | 0 |
| dritt | 205 | 13 | 6.4 |
| fin | 128 | 12 | 9.4 |
| ħażin | 300 | 30 | 10 |
| ħelu | 300 | 18 | 6 |
| perfett | 300 | 3 | 1 |
| sabiħ | 300 | 3 | 1 |
| tajjeb | 300 | 20 | 6.7 |
| vojt | 263 | 1 | 0.4 |




*Fig. 1: Il-persentaġġi tal-forom aġġettivali b'funzjoni avverbjali*

Dawn il-figuri jsaħħu li *tajjeb* u *ħażin* huma komuni fil-funzjoni avverbjali iktar minn xi aġġettivi oħra. Dan minkejja li *fin* okkorra f'din il-funzjoni iżjed minn kemm okkorra *tajjeb. Dritt* u *ħelu* wkoll kellhom numru pjuttost kbir t'okkorrenzi f'din il-funzjoni. *Fin, dritt* u *ħelu* ħafna drabi dehru fil-binja mtennija, binja li aktarx mhijiex possibbli għall-forom aġġettivali l-oħra mistħarrġa. Din aktarx hi r-raġuni għala dawn il-forom aġġettivali jidhru li okkorrew diversi drabi. Mingħajr il-binja mtennija, *tajjeb* u *ħażin* ikunu l-aktar żewġ forom aġġettivali komuni fil-funzjoni avverbjali. Il-persentaġġi mingħajr il-binja mtennija qed jidhru f'tabella 3. Tajjeb li wieħed jinnota wkoll li minkejja li nstabu inqas okkorrenzi validi għal *dritt* u *fin,* in-numru ta' okkorrenzi li wrewhom b'funzjoni avverbjali hu relattivament ogħla minn forom aġġettivali oħra.

**Tabella 3: Il-persentaġġi ta' *fin, dritt* u *ħelu* użati avverbjalment iżda mhux fil-binja mtennija**

| Aġġettiv | Total ta' okkorrenzi validi | Numru ta' okkorrenzi b'funzjoni avverbjali mingħajr il-binja mtennija | Persentaġġ ta' okkorrenzi b'funzjoni avverbjali (%) |
|---|---|---|---|
| dritt | 205 | 12 | 5.9 |
| fin | 128 | 2 | 1.6 |
| ħelu | 300 | 7 | 2.3 |

*Aggressiv* u *determinat* ma dehrux b'funzjoni avverbjali u *vojt* dehret darba biss, aktarx minħabba li semantikament dawn l-aġġettivi huma diffiċli li jinstabu jimmodifikaw frażi verbali b'tifsira dinamika. Għalhekk, jidher li dawn huma inqas possibbli li jipprestaw ruħhom għall-użu avverbjali mill-oħrajn.

Mill-115-il okkorrenza li wriet funzjoni avverbjali tal-forma aġġettivali, 51 urew fiċ-ċert newtralizzazzjoni tal-inflessjoni minħabba li f'dawn, is-suġġett jew l-oġġett dirett (OD) kien ta' ġens femminili jew fil-plural. Erbatax-il okkorrenza biss instabu b'forma aġġettivali użata avverbjalment mingħajr newtralizzazzjoni fl-inflessjoni. Maqluba f'persentaġġi, 44.3% ssospendew il-qbil filwaqt li 12.2% ma ssospendewhx. Mill-65 okkorrenza li żgur qdiet funzjoni avverbjali, fi kliem ieħor, li s-suġġett jew l-OD tagħha ma kienx maskil singular, 78.5% nnewtralizzaw l-inflessjoni filwaqt li 21.5% żammew il-qbil grammatikali mas-suġġett. Figura 2 qed tippreżenta dan b'mod iktar viżwalment ċar. Dawn il-figuri jindikaw li n-newtralizzazzjoni tal-inflessjoni tidher li tinsab fil-qalba tal-funzjoni avverbjali għalkemm mhijiex xi ħaġa li ssir esklussivament. Il-persentaġġ ta' forom aġġettivali li ma nnewtralizzawx il-qbil grammatikali hu wieħed notevoli u mhux ta' min jinjorah.




*Fig. 2: Il-qbil grammatikali fil-funzjoni avverbjali*

F'tabella 4 qed nuri l-persentaġġi tal-okkorrenzi b'forma aġġettivali użata avverbjalment fil-predikat b'verb b'tifsira dinamika iżda mingħajr sospensjoni tal-qbil grammatikali, mit-total ta' okkorrenzi li wrew l-aġġettiv fil-funzjoni avverbjali. Dawn il-figuri qed nippreżentahom f'figura 3. Il-persentaġġi jvarjaw drastikament minn forma aġġettivali għal oħra għalkemm b'mod globali, in-nuqqas ta' qbil grammatikali jidher li hu pjuttost periferiku fil-funzjoni avverbjali.

**Tabella 4: Il-persentaġġi tan-nuqqas ta' newtralizzazzjoni tal-qbil grammatikali fil-funzjoni avverbjali**

| Aġġettiv | Total ta' okkorrenzi b'funzjoni avverbjali | Numru ta' okkorrenzi b'funzjoni avverbjali bla newtralizzazzjoni tal-qbil grammatikali | Persentaġġi ta' okkorrenzi b'funzjoni avverbjali bla sospensjoni fil-qbil grammatikali (%) |
|---|---|---|---|
| ċar | 15 | 0 | 0 |
| ħażin | 30 | 0 | 0 |
| ħelu | 18 | 2 | 11.1 |
| perfett | 3 | 1 | 33.3 |
| sabiħ | 3 | 0 | 0 |
| tajjeb | 20 | 0 | 0 |
| vojt | 1 | 1 | 100 |




*Fig. 3: Il-persentaġġi tan-nuqqas ta' newtralizzazzjoni tal-qbil grammatikali fil-funzjoni avverbjali*

*Tajjeb* u *ħażin* kienu l-iktar aġġettivi misjuba bil-funzjoni avverbjali u kull okkorrenza wriet sospensjoni fil-qbil grammatikali. Għalkemm inqas frekwenti, *ħelu* wkoll instab bosta drabi b'funzjoni avverbjali iżda wħud minn dawn l-okkorrenzi wrew qbil grammatikali mal-frażi nominali (FN) soġġettivali. *Perfett* u *vojt* ma tantx instabu fil-funzjoni avverbjali iżda l-ftit okkorrenzi li fihom dehru f'dan l-użu, ħafna drabi

ma ssospendewx il-qbil. F'figura 4 qed nuri l-forom aġġettivali f'kontinwu. Mix-xellug għal-lemin, wieħed jista' jara liema huma l-forom aġġettivali li l-inqas innewtralizzaw il-qbil, għal dawk li nnewtralizzawh iktar frekwentement. Forom aġġettivali li dejjem innewtralizzaw il-qbil fil-funzjoni avverbjali mhumiex inklużi fil-kontinwu.




*Fig. 4: Kontinwu tan-nuqqas ta' newtralizzazzjoni tal-qbil grammatikali minn xi forom aġġettivali fil-funzjoni avverbjali*

Qabbilt in-nuqqas ta' qbil grammatikali mal-ammont ta' okkorrenzi li fihom l-aġġettiv deher użat avverbjalment. Kif qed nuri f'tabella 5, hawn mhux dejjem sibt korrispondenza perfetta bejn il-frekwenza tal-forma aġġettivali fil-funzjoni avverbjali u n-nuqqas ta' qbil grammatikali tagħha f'dan l-użu iżda meta ggruppajt il-forom li dehru f'dan l-użu abbażi tal-frekwenza tagħhom, dehret tendenza ġenerali li inqas ma l-forma aġġettivali tkun komuni fil-funzjoni avverbjali, iktar jiżdied iċ-ċans li l-qbil grammatikali fl-istess funzjoni ma jkunx innewtralizzat. Din it-tendenza maħduma matematikament qed nippreżentaha f'figura 5.

Kif jidher fit-tabella, aġġettivi ta' grupp A huma l-iktar avverbjali minħabba li dehru l-iktar f'funzjoni avverbjali u l-iktar li nnewtralizzaw il-qbil. Grupp B għandu jinkludi aġġettivi li dehru inqas f'funzjoni avverbjali u inqas innewtralizzaw il-qbil filwaqt li grupp Ċ għandu juri l-aġġettivi li l-inqas dehru f'funzjoni avverbjali u l-iktar li ma nnewtralizzawx il-qbil grammatikali, għalkemm f'dawn iż-żewġ gruppi l-korrispondenza mhijiex perfetta. Jista' possibbilment ikollna wkoll grupp D magħmul mill-forom aġġettivali li ma dehrux użati avverbjalment. Dan ma jfissirx li aġġettivi f'dan il-grupp ma jistgħux jidhru b'funzjoni avverbjali.

## Tabella 5: Il-frekwenzi tal-forom aġġettivali fil-funzjoni avverbjali u n-nuqqas ta' qbil grammatikali

| Grupp | Aġġettiv | Persentaġġ ta' okkorrenzi b'funzjoni avverbjali (%) | Nuqqas ta' qbil grammatikali (%) | Total ta' nuqqas ta' qbil grammatikali (%) |
|---|---|---|---|---|
| A | ħażin | 10 | 0 | 0 |
| | tajjeb | 6.7 | 0 | |
| B | ħelu | 6 | 11.1 | 11.1 |
| | ċar | 5 | 0 | |
| Ċ | sabiħ | 1 | 0 | 133.3 |
| | perfett | 1 | 33.3 | |
| | vojt dritt fin | 0.4 | 100 | |
| D | aggressiv | 0 | - | - |
| | determinat | 0 | | |




*Fig. 5: Tendenza ġenerali fin-nuqqas ta' qbil grammatikali ta' forom aġġettivali fil-funzjoni avverbjali*

l-korrelazzjoni perfetta f'grupp A tixhed li b'mod ġenerali, *ħażin* u *tajjeb* huma l-iktar frekwenti fil-funzjoni avverbjali minn ħafna mill-kelliema tal-Malti. L-idjolett tal-kelliema jista' possibbilment ikun raġuni għalfejn din il-korrelazzjoni ma kinitx perfetta fi gruppi B u Ċ. Kelliem jista' juża forma aġġettivali partikolari avverbjalment iktar minn ieħor u allura n-newtralizzazzjoni tal-qbil grammatikali tinħass iktar naturali. Din ma kinitx xi ħaġa li stajt nosserva mill-MLRS minħabba li l-okkorrenzi kienu miktuba jew imlissna minn kittieba u kelliema differenti. Għalhekk, ikun iktar għaqli li nitkellmu dwar gruppi t'aġġettivi li b'mod ġenerali jissospendu l-qbil grammatikali iktar minn oħrajn milli ngħaddu ġudizzju fuq kull aġġettiv.

*Ħelu* tagħmel parti minn grupp B minħabba li fil-maġġoranza tal-okkorrenzi, instabet fil-binja mtennija li hija inqas probabbli li ma tinnewtralizzax il-qbil grammatikali. Mingħajr dawn l-okkorrenzi ta' binja mtennija, *ħelu* kienet tagħmel parti minn grupp Ċ, kif urejt f'tabella 3.

Fattur ieħor wara n-nuqqas ta' korrispondenza assoluta seta' kien in-numru relattivament żgħir ta' okkorrenzi. Dan ma setax jiġi evitat minħabba n-natura limitata ta' dan ix-xogħol. Il-metodoloġija lanqas ma setgħet tinbidel minħabba li din il-korrispondenza propju tistrieħ fuq il-frekwenza tal-funzjoni avverbjali, frekwenza li sabiex tkun identifikata, il-metodoloġija ma tistax twarrab il-funzjonijiet l-oħra tal-forom aġġettivali.

## 5. Konklużjoni

Minn dan l-istudju nikkonkludi li n-nuqqas ta' newtralizzazzjoni tal-qbil grammatikali fil-funzjoni avverbjali hu minimu iżda xorta mhux ta' min jinjorah. Dan jikkontradixxi l-kummenti ta' Borg u Azzopardi-Alexander, Mifsud u Amaira dwar in-newtralizzazzjoni assoluta tal-aġġettivi fil-funzjoni avverbjali. Filwaqt li n-norma tal-aġġettivi f'din il-funzjoni tibqa' l-forma fit-tielet persuna maskil singular, tajjeb li l-letteratura teknika taġġorna u tirrikonoxxi li n-newtralizzazzjoni inflettiva ma sseħħx esklussivament filwaqt li qabelxejn tagħraf il-possibilità ta' xi aġġettivi li jaqdu funzjoni avverbjali.

Fid-dizzjunarju tiegħu, Aquilina (1987) ma jagħrafx din il-possibilità ta' wħud mill-forom aġġettivali li stħarriġt u li dehru jaqdu din il-funzjoni. F'tabella 7 qed nuri l-funzjonijiet li jsemmi għal kull forma aġġettivali li analizzajt. Ta' min jinnota li Aquilina ma jarax il-possibilità li *aggressiv, determinat, fin, ħelu, vojt* u *perfett* jaqdu funzjoni avverbjali. *Determinat* ma deherx fil-funzjoni avverbjali u lanqas ma sibt

eżempju li fih jaqdi din il-funzjoni, kuntrarju għal *aggressiv*. Għalhekk, mhux kull forma aġġettivali jidher li hi possibbli fil-funzjoni avverbjali aktarx minħabba s-semantika. F'dan ix-xogħol urejt li aktarx il-frekwenza tal-forma aġġettivali fil-lingwa tikkorrelata mal-użu avverbjali tal-istess forma aġġettivali u l-frekwenza fl-użu avverbjali ħafna drabi tinfluwenza l-qbil grammatikali tant li *tajjeb* u *ħażin*, l-iktar frekwenti fil-funzjoni avverbjali, issospendew il-qbil grammatikali kull darba li dehru użati avverbjalment.

**Tabella 7: Funzjonijiet possibbli tal-forom aġġettivali skont Aquilina (1987)**

| Forma Aġġettivali | Funzjoni nominali | Funzjoni aġġettivali | Funzjoni avverbjali |
|---|---|---|---|
| aggressiv | | ● | |
| ċar | | ● | ● |
| determinat | | | |
| dritt | ● | ● | ● |
| fin | | ● | |
| ħażin | ● | ● | ● |
| ħelu | ● | ● | |
| perfett | ● | ● | |
| sabiħ | | ● | ● |
| tajjeb | ● | ● | ● |
| vojt | ● | ● | |

Minkejja d-diversità, semantika u grammatikali, tal-elementi lingwistiċi li okkupaw il-pożizzjoni ta' frażi verbali fl-okkorrenzi, il-funzjoni avverbjali xorta waħda kienet possibbli ħlief meta espressjoni b'użu kopulari okkupat din il-pożizzjoni. In-newtralizzazzjoni tal-inflessjoni mhux dejjem kienet għodda dijanjostika li tindika l-funzjoni. Meta seħħet, indikat funzjoni avverbjali iżda meta ma seħħitx, dan mhux dejjem kien ifisser li l-aġġettiv qed jaqdi funzjoni aġġettivali. Meta l-qbil grammatikali ma kienx innewtralizzat ma' frażijiet verbali dinamiċi, dawn l-okkorrenzi tqiesu bħala eċċezzjonijiet għat-tendenza ġenerali ta' sospensjoni biss f'din il-pożizzjoni.

# Biblijografija


Amaira, M. (2014). *Il-kategoriji grammatikali tal-Malti: Il-verbi, in-nomi u l-aġġettivi*. Teżi tal-M.A. L-Università ta' Malta.

Aquilina, J. (1965). *Teach yourself Maltese*. Progress Press.

---. Aquilina, J. (1987). *Maltese-English dictionary: Vol. 1 A-L*. Midsea Books.

---. Aquilina, J. (1990). *Maltese-English dictionary: Vol. 2 M-Z*. Midsea Books.

Borg, A. J. (2001). "Il-partijiet tad-diskors fil-Malti". F'D. Massa (Ed.), *Malta – Esplorazzjoni: Dgħajsa karti* (pp. 134-142). L-Università ta' Malta.

Borg, A. J., & Azzopardi-Alexander, M. (1997). *Maltese*. Routledge.

Cachia, L. (1994). *Grammatika ġdida tal-Malti*. Veritas Press.

Herring, P. (2016). *The farlex grammar book: Complete English grammar rules* (N. Norlen, Ed.). CreateSpace.

Maltese Language Resource Server (MLRS). (2016). *Korpus Malti v.3.0*. http://mlrs.research.um.edu.mt/CQPweb/malti03/

Mifsud, J. (2014). *Il-funzjoni avverbjali fil-Malti*. Teżi tal-B.A. L-Università ta' Malta.

Sutcliffe, E. F. (1936). *A grammar of the Maltese language: With chrestomathy and vocabulary*. Geoffrey Cumberlege, Oxford University Press.

# "O Mħabba!" – Il-Poeżiji ta' Victor Fenech dwar l-Imħabba

Studenta:
Francesca Marie Sacco

Tutur:
Dr Immanuel Mifsud

## 1. Daħla

X'inhi l-imħabba? Liema huma dawk is-sentimenti li tqanqal l-imħabba? L-imħabba bejn tnejn tibqa' teżisti wara l-mewt? L-imħabba hija tema universali li ilha tiġi diskussa għal żmien twil. Dan l-artiklu se jittratta l-poeżiji ta' mħabba ta' Victor Fenech b'bażi teorika ta' Platun u ta' filosfi femministi tas-seklu għoxrin, fosthom Simone de Beauvoir, Julia Kristeva u Luce Irigaray.

## 2. Eros: Mill-Griegi Klassiċi sal-Kultura Kontemporanja

Il-Griegi Klassiċi ħassew li għandhom jiddefinixxu forom differenti ta' mħabba: l-'agape', il-'philia' u l-'eros'. 'Eros' tirreferi għall-imħabba sesswali, l-aktar komuni bejn koppja, filwaqt li 'philia' tirreferi għall-imħabba fi ħbiberija. 'Agape' hija forsi l-aħjar mod ta' kif tista' tiġi spjegata l-imħabba bejn id-divin u l-uman (Halwani 7-8). Victor Fenech iħoss il-ħtieġa li jippreżenta dawn l-imħabbiet kollha fil-poeżiji tiegħu, iżda l-imħabba 'eros' jagħtiha preċedenza fuq l-oħrajn. Platun jittratta l-imħabba speċifikament fis-*Symposium,* il-ktieb fundamentali li jiġbor it-teoriji dwar l-imħabba tant li diversi filosfi oħra komplew jibnu ħsibijiethom fuqhom. Fost dawn insibu lil Simone de Beauvoir u l-Femministi Franċiżi, Julia Kristeva u Luce Irigaray. Skont Platun, dak kollu li jħobb il-bniedem huwa sabiħ għax ħadd ma jattirah dak li hu ikrah (*Symposium* 197b). Irigaray tkompli ma' din l-idea meta tispjega kif it-twaħħid ta' żewġ persuni jibda minn attrazzjoni (78). Dan il-prinċipju huwa eżemplifikat bil-ġrajja ta' Romeo u Ġuljetta li tanalizza Julia Kristeva f'*Tales of Love*. Għalkemm kienu jappartjenu għal familji rivali, Romeo u Ġuljetta xorta jinġibdu lejn xulxin u ma jħallux il-mibegħda ta' bejn il-familji tagħhom tfixklilhom ir-relazzjoni (Kristeva 212).

Teorija Platonika oħra li baqgħet tiġi diskussa mill-femministi tas-seklu għoxrin targumenta li l-bniedem fil-verità mhux wieħed imma tnejn. Fis-*Symposium*, Platun jiddeskrivi kif l-eżistenza tal-uman oriġinat mill-androġenu, li la kien mara u lanqas raġel. Il-mit tal-androġeni jirrakkonta kif dawn irribellaw kontra l-allat u allura Zeus qasamhom min-nofs (parti maskili u parti femminili). Għalhekk, Platun jemmen li l-bnedmin kontinwament qegħdin ifittxu n-nofs l-ieħor tagħhom (189e-191d). Irigaray ukoll temmen li l-essri hu magħmul minn żewġ nofsijiet, dak femminili u dak maskili, u tkompli li nofs dejjem se jipprova jfittex lin-nofs l-ieħor tiegħu biex flimkien isiru ħaġa waħda (79). Kristeva ssegwi dan il-kunċett meta tiddeskrivi kif meta bniedem jingħaqad mal-maħbub jew il-maħbuba ideali tiegħu, jesperjenza sens ta' stabbiltà u kif ix-xewqat tiegħu jiġu sodisfatti bis-sejba tal-imħabba (161). Simone de Beauvoir tispjega wkoll kif l-aqwa kuntentizza ta' mara tintlaħaq meta r-raġel jirrikonoxxi lis-sieħba bħala parti minnu nnifsu (618).

## 3. Il-Poeżiji ta' Victor Fenech dwar l-Imħabba

### 3.1. L-attrazzjoni fiżika u r-relazzjonijiet sesswali

Fenech ta' spiss jagħmel referenzi għall-ġisem uman fil-poeżiji tiegħu, u huwa dejjem ġisem il-mara li jiġi deskritt u ppreżentat bħala wieħed sabiħ. Ħafna drabi l-ħarsa ta' Fenech tikkonċentra fuq il-partijiet erotoġeniċi bħas-sider, il-vaġina u s-saqajn. Filwaqt li xi drabi Fenech jitkellem dwar dawn il-partijiet direttament, f'oħrajn jagħżel li jimmetaforizzahom biex l-effett ikun aktar erotiku. Pereżempju f'"Ħajku #5" (*Il-Poeżiji* 161) u f'"Kemmuna – Epitalamju" (*Il-Poeżiji* 89), sider il-mara jitqabbel ma' għoljiet; f'"Ħajku #5" (*Il-Poeżiji* 161) l-organu sesswali tal-mara jitqabbel ma' "widien" (v. 1) u ma' bajja f'"Kemmuna – Epitalamju" (*Il-Poeżiji* 89). L-ammirazzjoni għas-saqajn tidher f'"Ritratt I" (*Il-Poeżiji* 53), "Ħajku #6" (*Il-Poeżiji* 161) kif ukoll fis-seba' awtokwadru minn "Awtokwadri" (*Il-Poeżiji* 85).

Fenech jalludi għal partijiet oħrajn tal-ġisem li huma attraenti bħall-għajnejn u x-xagħar, bħalma wieħed jista' jsib fil-poeżija "Ramallah" (*Il-Poeżiji* 207). Poeżiji bħal "Għajnejk" (*Il-Poeżiji* 86), "Poeżija #35" (*PS: Il-Muża Mħallta* 31), "Fascination" (*PS: Il-Muża Mħallta* 67) u "Liebestraume" (*PS: Il-Muża Mħallta* 57) jippreżentaw l-għajnejn bħala l-isbaħ ġojjelli u kwiekeb. Il-ġmiel femminili, imbagħad, jintuża wkoll kull darba li Fenech jinġibed wara xi belt u jesprimi din il-ġibda permezz tal-personifikazzjoni, kif wieħed jara f'"Ramallah" (*Il-Poeżiji* 207) fejn il-ħarsa tqabbel ġmiel il-lokal mas-sider u l-kuxxtejn ta' mara.

Ħafna drabi, id-diskors dwar l-imħabba jirreferi għall-misteru. Filwaqt li ċerti ħassieba femministi, ngħidu aħna Hélène Cixous f'*The Laugh of the Medusa*, iqisu l-idea tal-misteru bħala attitudni patrijarkali biex joskuraw il-femminilità, Irigaray tesplora dan il-kunċett meta tispjega kif l-attrazzjoni bejn żewġ persuni jaf tirriżulta mid-differenzi ta' bejniethom u s-sens ta' misteru li kull wieħed ikollu, u allura jqabbad il-kurżità lill-ieħor biex jiskopri aktar dwaru (151-152). De Beauvoir tagħmel argument simili meta tistqarr li l-attrazzjoni erotika tal-mara tisfaxxa fix-xejn aktar kemm din issir familjari għar-raġel tagħha (453). Fenech, bħalma jagħmlu poeti oħrajn tal-perjodu tiegħu (ngħidu aħna Achille Mizzi u Mario Azzopardi) ħafna drabi jżewweġ is-sbuħija tal-mara mal-'misteru' femminili, kif jagħmel f'"Lovesong Fifty" (*Spring Rain/ Winter Blues* 57), "Ritratt I" (*Il-Poeżiji* 53) u "Tifkira Mbiegħda" (*Il-Poeżiji* 80). Madankollu huwa jifhem, kif

jagħmel Platun (207d-e), li persuna qatt ma żżomm l-istess karatteristiċi fiżiċi u interjuri, u l-età ġġib magħha bidliet li aktarx ikerrhu dak li qabel kien attraenti. Dan il-prinċipju jidher l-aktar f'poeżiji bħal "Ombra" (*Il-Poeżiji* 202), li fiha l-mara "wiċċha sfar u mtlew riġlejha vini" (v. 16); jew f'"Dawra Durella" (*Il-Poeżiji* 28) u "Soho '67" (*Il-Poeżiji* 39) li jiffukaw fuq l-mortalità u d-diżintegrazzjoni tal-bniedem.

Skont Irigaray, is-sbuħija u l-attrazzjoni huma ta' kontribut għall-unità ta' żewġ persuni. L-attrazzjoni hija x-xewqa li tressaq wieħed eqreb lejn ħaddieħor (Irigaray 78). Ix-xewqa sesswali hija evidenti wkoll f'Fenech. F'"Ħajku #6" (*Il-Poeżiji* 161) il-persona jitqanqal hekk kif jara saqajn imħabbtu, li jqabbilhom ma' kolonni li bejniethom jinsab tabernaklu (referenza metaforika oħra għall-vaġina). L-istess xewqa hija riflessa fl-aħħar vers ta' "Ħajku #123" (*Il-Poeżiji* 173) kif ukoll f'"Desiderata" (*London Pictures and other poems*). Numru konsiderevoli ta' poeżiji ta' mħabba ta' Fenech jiffukaw fuq l-espressjoni fiżika tal-imħabba u s-sess. F'poeżiji bħal "Trittiku Nhar t'Erbgħa" (*Il-Poeżiji* 91) u "Kos dix-Xita!" (*Il-Poeżiji* 190), huwa jiddeskrivi l-mess intimu tal-organi sesswali għall-pjaċir sesswali. L-att sesswali huwa ppreżentat f'"Kemmuna – Epitalamju" (*Il-Poeżiji* 89), li fiha ċ-ċaqliq erotiku jitqabbel ma' dgħajsa dieħla u ħierġa mix-xatt. Ċerti ħajki bħal "Ħajku #122" (*Il-Poeżiji* 173) u "Ħajku #7" (*Il-Poeżiji* 161) jirriflettu l-esperjenza sesswali wkoll.

Madankollu, tajjeb li wieħed jinnota, li l-poeżija erotika ta' Fenech ma tippreżentax is-sess bħala gost karnali biss. L-istudju ta' Martin Richards u B. Jane Elliott jargumenta li mis-sittinijiet u s-sebgħinijiet (allura l-perjodu ta' Fenech) l-atteġġjament lejn is-sess sar aktar każwali (35). Fenech jitmeżmeż minn dan l-atteġġjament, kif hu evidenti sew f'"Ħajku #367" (*PS: Il-Muża Mħallta* 44) u "Ħajku #299" (*Il-Poeżiji* 222), u saħansitra jasal biex joħloq in-neoloġiżmu "sesstremità" (v. 3) f'"Ħajku #174" (*Il-Poeżiji* 178).

## 3.2. Mill-fiżiku għal lil hinn

L-insistenza ta' Fenech li s-sess ikun marbut mal-imħabba tista' tinftiehem aktar bi kliem De Beauvoir "the body is not a thing, it is a situation" (61). Il-ġisem mhux biss laħam imma jesperjenza wkoll l-emozzjonijiet. Dawn is-sentimenti huma riflessi wkoll fil-poeżiji ta' Fenech li huma mogħnija minn stqarrija ta' mħabba, ngħidu aħna "Stqarrija" (*Il-Poeżiji* 51) u "Liebestraume" (*PS: Il-Muża Mħallta* 57). Dawn il-poeżiji jixhdu d-diffikultà tal-bniedem biex jiddeskrivi u jiddefinixxi l-emozzjonijiet profondi

tal-imħabba għall-maħbub jew maħbuba tiegħu.

## 3.2.1. Il-ħtieġa tal-imħabba f'ħajjet il-bniedem

Madankollu, Fenech juri l-importanza u n-neċessità tal-imħabba f'ħajjet il-bniedem f'għadd ta' poeżiji u ħajki, bħal "Gawwija Mitlufa" (*Il-Poeżiji* 183) u "Lunch-hour Poem" (*Spring Rain/Winter Blues* 14). Fiż-żewġ poeżiji, il-poeta jqabbel l-imħabba ma' oasi f'deżert biex jenfasizza l-vitalità tagħha. L-imħabba hi dik li ġġib il-ferħ lil persuna u huwa għalhekk li f'poeżiji bħal "Love's Gift" (*Journey*) iqabbilha ma' rigal u mad-djamanti. Minkejja li Fenech jagħraf dawn il-kwalitajiet u s-sentimenti kollha tal-imħabba, huwa xorta jammetti li jsibha bi tqila biex jiddefinixxi l-imħabba, bħalma hu evidenti fl-aħħar strofa ta' "Jekk Ngħidlek li Nħobbok" (*Il-Poeżiji* 194): "Tqila l-imħabba biex tiddefiniha!" (v. 19). Għall-istess raġuni huwa jtemm "Trittiku Nhar t'Erbgħa" (*Il-Poeżiji* 91) bl-aposjopesi "l-imħabba hi" (v. 33).

## 3.2.2. Ix-xewqa għall-imħabba

L-għalliema ta' Sokrate, Diotima, fil-ktieb *Symposium* tipproponi l-idea li l-imħabba eros hija x-xewqa għal dak li wieħed m'għandux (204a). Kristeva tirrifletti fuq din it-teorija f'*Tales of Love* wkoll (62-63). Meta xi ħadd ikollu xewqa għal persuna oħra hemm tendenza li dan jibda joħlom u jiffantasizza kif tkun is-sitwazzjoni jekk ikun f'relazzjoni magħha. L-istess ħsieb jidher diversi drabi fil-poeżija ta' Fenech bħal "L-Ewwel Xrar/L-Ewwel Żahar" (*Il-Poeżiji* 157), fejn tinħass ix-xewqa għal aktar żmien mal-maħbuba, jew f'"Ramallah" (*Il-Poeżiji* 207), li tiddokumenta l-fantasija b'din it-tfajla Shiraz.

L-imħabba tal-persona hija evidenti f'"Poeżija #17" (*PS: Il-Muża Mħallta* 22), li fiha jwiegħed lil imħabbtu li se jibqa' jistennieha "kutu kutu" (v. 12) u jqabbel lilu nnifsu ma' "statwa tal-paċenzja" (v. 13). Iżda tajjeb li wieħed jinnota wkoll li Fenech jistenna l-imħabba tiġi reċiprokata bħal f'"Ħajku #121" (*Il-Poeżiji* 173) u "Ħajku #357" (*PS: Il-Muża Mħallta* 43).

Dan se jwassal għall-ħsieb dwar ir-reċiproċità fir-relazzjoni ta' mħabba. B'dan irid jinftiehem li ż-żewġ partijiet tar-relazzjoni jiggarantixxu lil xulxin is-sodisfazzjoni ta' dak li jixtiequ huma personalment. Fl-imħabba jrid ukoll ikun hemm lok għal-libertà individwali, li wkoll trid tiġi reċiprokata. Kliem De Beauvoir dwar ir-rikonoxximent u r-rispett reċiproku tal-libertajiet tal-maħbubin f'relazzjoni (630) huwa rifless fi wħud mill-poeżiji ta' Fenech, pereżempju "Lilek" (*Il-Poeżiji* 51). Filwaqt li

l-persona jħobb lil imħabbtu, hu jqabbel lilu nnifsu ma' "għasfur f'gaġġa" (v. 3) għax irażżan xewqatu u ħajtu saret iddur magħha biss. Għalkemm il-persona f'"L-Ewwel Xrar/L-Ewwel Żahar" (*Il-Poeżiji* 157) jixtieq l-imħabba f'ħajtu, ma jixtieqx li l-maħbubin jirristrinġu lil xulxin tant li jispiċċaw jitilfu lilhom infushom. L-istess argument huwa ppreżentat ukoll f'"Lovesong Fifty" (*Spring Rain/ Winter Blues* 57). Irigaray tgħaddi kumment dwar dan: l-unità li sseħħ fil-bniedem innifsu tirrikjedi lill-maħbubin iżommu l-awtonomija tagħhom infushom (78). L-argument ta' Fenech jaf huwa ispirat minn kliem Kahlil Gibran fil-ktieb tiegħu *The Prophet*, li Fenech stess qaleb għall-Malti: "Imma ħallu li jkun hemm spazji fit-twaħħid tagħkom, [...] Ħobbu lil xulxin, imma ddawrux l-imħabba f'rabta" (Gibran 29).

## 3.3. L-esperjenzi qarsa tal-imħabba

### 3.3.1. Id-dubji u t-tmiem tal-imħabba

Il-poeżiji ta' Fenech ma jagħtux biss rendikont tal-esperjenzi sbieħ tal-imħabba iżda anke tal-mumenti diffiċli u aktar realistiċi. F'ħajtu, il-bniedem jgħaddi minn mumenti ta' dubju li jistgħu jkunu kkawżati wkoll mill-esperjenza tal-imħabba. "Ħajku #3" (*Il-Poeżiji* 161) u "Ħajku #237" (*Il-Poeżiji* 216) ipoġġu dubju dwar il-valur ta' relazzjoni jekk l-imħabba mhijiex reċiproka. F'"Indeċiżjoni" (*Il-Poeżiji* 37) tinħass l-ansjetà li titqajjem minn deċiżjoni marbuta mal-imħabba, f'diwi tal-fehma ta' Irigaray li wieħed ma jistax juża lil ħaddieħor għall-akkwist personali tiegħu biex iħossu komplut bħala essri (161). Il-"kamaleontiżmu ta' ħsusi" (v. 5) jikkawża l-indeċiżjoni dwar il-futur tar-relazzjoni u allura tal-imħabba.

Id-diskors dwar ir-relazzjonijiet tal-imħabba spiss jinkludi t-tmiem ta' dawn ir-relazzjonijiet li jista' jseħħ għal raġunijiet diversi, pereżempju l-infedeltà tal-maħbubin. Skont Kristeva, l-imħabba hija magħmula minn żewġ komponenti inseparabbli; il-ħtieġa tal-qrubija u l-konsistenza, kif ukoll il-kilba drammatika li tista' twassal għall-infedeltà (Kristeva u Sollers 2). Fil-ktieb tagħha *Tales of Love*, Kristeva tuża r-rakkont fittizju ta' Don Juan biex tirrifletti fuq l-infedeltà fil-ħajja reali (202). Don Juan jistqarr li l-kumdità u s-sigurtà ta' relazzjoni ta' mħabba twassal lil wieħed biex ma jixtieq xejn aktar fil-ħajja, sakemm ma jkunx hemm xi "new object" li tqajjem ix-xewqa sesswali (Kristeva 195). Din jaf hija r-raġuni għala jkun hemm infedeltà f'relazzjoni, anke dik li jsemmi Fenech stess fil-poeżiji. Fenech jeżemplifika s-sofferenza li wieħed jgħaddi minnha

meta jiġi tradut minn imħabbtu f'poeżiji bħal "Del-Lejl Ruħi" (*Il-Poeżiji* 145) u "L-Aħħar Laqgħa" (*Il-Poeżiji* 192). Iż-żewġ poeżiji jindikaw li din hija l-aħħar laqgħa bejn il-maħbubin ikkawżata mill-infedeltà tal-maħbuba. Fenech jesponi l-għadd ta' emozzjonijiet kunfliġġenti li wieħed iħoss meta jiġi tradut. In-niket u l-korla huma predominanti iżda l-vittma x'aktarx li xorta tibqa' tħobb lill-persuna li tkun ittradietha, bħalma hu evidenti f'"Ħajku #155" (*Il-Poeżiji* 176), f'"Dal-Lejl Ruħi" (*Il-Poeżiji* 145) u f'"L-Aħħar Laqgħa" (*Il-Poeżiji* 192). Għall-kuntrarju ta' dawn il-poeżiji, il-maħbub f'"Katakombi" (*Il-Poeżiji* 128) jidher aktar konvint mill-emozzjonijiet bierda u ta' stmerrija li għandu għal imħabbtu li ttradietu.

Fenech jiddedika wkoll numru ta' poeżiji dwar il-falliment taż-żwieġ u l-effett tiegħu fuq il-konjuġi. De Beauvoir tinsisti li l-falliment taż-żwieġ mhuwiex dovut lill-koppja daqskemm lill-istituzzjoni matrimonjali nnifisha. Ir-raġuni hija li żmien ilu, il-maħbubin lanqas biss kellhom il-libertà li jagħżlu lil xulxin għaż-żwieġ u kienu jiġu mqiegħda fi żwiġijiet. Għalkemm każi bħal dawn m'għadhomx prevalenti, iż-żwieġ xorta jinvolvi sens ta' oppressjoni (De Beauvoir 463). Jaf huwa għalhekk li Fenech, fil-poeżija "Ħabibi" (*Il-Poeżiji* 128), isejjaħ lil sieħbu u lil imħabbtu "imsieken" (v. 3) u "stranjieri fl-istess dar" (v. 4) sforz iż-żwieġ fallut tagħhom. "Ħajku #349" (*PS: Il-Muża Mħallta* 42) u "Ħajku #190" (*Il-Poeżiji* 211) huma xhieda wkoll ta' kif żwieġ jista' jisfaxxa. L-ilment tal-poeta dwar kemm iż-żwieġ sar itul biss żmien qasir huwa rifless f'ħajki bħal "Ħajku #202" (*Il-Poeżiji* 212) u "Ħajku #227" (*Il-Poeżiji* 215). Fenech jikkummenta wkoll dwar ir-raġuni frivola għala jispiċċa ż-żwieġ, bħal f'"Epigramm nru. 3" (*Il-Poeżiji* 33) u "Ħajku #227" (*Il-Poeżiji* 215). Dawn il-poeżiji u ħajki jaċċertaw kliem De Beauvoir dwar kif il-preservazzjoni taż-żwieġ kienet iktar importanti fis-seklu dsatax milli llum. Interessanti kif il-poeżiji kollha ta' Fenech dwar iż-żwieġ jippreżentaw kritika jew sitwazzjoni ta' relazzjoni instabbli li waslet fi tmiemha jew diġà spiċċat. Ir-raġuni tista' tkun dik li tissuġġerixxi De Beauvoir, li ż-żwieġ mhux ibbażat fuq l-imħabba (423).

Fil-ktieb tagħha u ta' żewġha *Marriage as a Fine Art*, Kristeva tiddiskuti kif meta parti mill-koppja tiżbajla, il-maħfra mill-persuna l-oħra jaf tkun diffiċli biex tingħata (91). F'*Tales of Love*, hi tirrisolvi li meta wieħed jinsa l-affarijiet li jkunu weġġgħuh u jaħfer l-għemil ta' min jonqsu, tintlaħaq il-libertà emozzjonali (202). Id-diffikultà tal-maħfra li titkellem dwarha Kristeva tidher ukoll f'poeżiji ta' Fenech bħal "Ħajku #156" (*Il-Poeżiji* 176) u "Poeżija #20" (*PS: Il-Muża Mħallta* 23).

### 3.3.2. Il-mewt

Uħud mill-poeżiji ta' Fenech jittrattaw il-mewt ta' persuna f'koppja u l-effetti li din toħloq lill-persuna l-oħra. Meta xi ħadd jitlef lill-persuna li jkun f'relazzjoni intima magħha minħabba l-mewt, dan ikun tilef in-nofs l-ieħor tiegħu kif ukoll is-sens ta' kompletezza fl-essri tiegħu (Irigaray 165). Minkejja l-iskumdità tas-suġġett u l-fatt li d-diskors dwar il-mewt huwa meqjus bħala tabù fil-ħajja ta' kuljum, Fenech jindirizza l-mewt anke fid-diskors tiegħu dwar l-imħabba.

Waħda mill-poeżiji ta' Fenech li turi sentimenti mnikkta sforz il-mewt ta' mħabbtu hija "Requiem I" (*Il-Poeżiji* 147), li fiha l-persona jħoss "damdim fil-kranju" (v. 12) u xorta jibqa' jxomm ir-riħa ta' fwieħa tal-ġiżimin li kienet tagħmel imħabbtu. Fil-poeżija "Jakura" (*Il-Poeżiji* 154) Kataġiri wkoll jibqa' jhewden fuq imħabbtu li kienet vittma tal-bomba f'Ħiroxima għax meta "Tnax-il sena wara" (v. 13) hu jkollu jagħmel operazzjoni, in-ners li ddur bih "b'xi mod tfakkru f'Jakura" (v. 18). Għalhekk wieħed jista' jgħid li filwaqt li l-memorja tħalli lil dak li jkun jittama, din tikkawża dannu psikoloġiku fuq min isofri t-telfa. Fil-fatt, it-tifsira tal-kelma "Għattini" (v. 13) fil-poeżija "Għattini, Qaltli" (*Il-Poeżiji* 112) donnha tinbidel permezz tal-antanaklasi, u t-talba biex il-persona jgħatti lill-maħbuba l-mejta ssir talba biex jaċċetta l-firda li ġġib magħha l-mewt. L-istess jiġri f'"Meta Tieqaf il-Borra" (*Il-Poeżiji* 97): il-persona jinsab imnikket għat-telfien tal-"ħolma tixtel f'qalbi" (v. 5) malli mietet imħabbtu. Għall-kuntrarju ta' dawn il-poeżiji, fi "Tluq (Insomma Saħħa!)" (*Il-Poeżiji* 201) il-persona donnu jinsab aktar irrabjat li mħabbtu ħallietu waħdu fid-dinja filwaqt li hi għaddiet għall-ħajja ta' dejjem.

Fost il-poeżiji ta' Fenech tqum ukoll il-mistoqsija filosofika dwar jekk l-imħabba bejn tnejn tibqax teżisti anke wara l-mewt ta' xi ħadd minnhom. "Tanka ta' Saimei" (*Il-Poeżiji* 125) u "Diqet l-Imperatriċi" (*Il-Poeżiji* 122) huma xhieda ta' mistoqsijiet fuq il-permanenza tal-imħabba. Il-poeżiji "Kemmuna – Epitalamju" (*Il-Poeżiji* 89) u "Jakura" (*Il-Poeżiji* 154) huma prova ta' kif l-imħabba ta' xi ħadd għal maħbub jew maħbuba mejta xorta tista' tibqa' teżisti.

## 4. Konklużjoni

Għal Irigaray, sas-seklu għoxrin, il-filosfi tal-Punent kienu janalizzaw ir-relazzjoni bejn suġġett u oġġett mingħajr ma jagħtu widen għall-mod kif wieħed jitkellem ma' ħaddieħor u jekk hux mismugħ jew le (15). Hija x'aktarx għal din ir-raġuni li Fenech kontinwament jindirizza lill-maħbuba

f'ħafna mill-poeżiji ta' mħabba tiegħu. Il-persona donnu jixtieq joħloq djalogu għaliex jagħraf li għandu jkun hemm il-komunikazzjoni f'relazzjoni ta' mħabba. Madanakollu, hija kważi dejjem il-vuċi ta' min qed jitkellem (il-poeta jew il-persona) li tinstema' mal-qarrejja.

Huwa normalment ir-raġel li jniedi r-rapport fil-poeżiji ta' Fenech li jiddokumentaw l-esperjenza sesswali. Minħabba li l-poeta huwa raġel, aħna l-qarrejja ningħataw narrazzjoni tal-esperjenza sesswali minn ottika maskili biss. L-istess jista' jingħad għall-poeżiji dwar it-tradiment, il-falliment taż-żwieġ jew il-mewt, li fihom huwa r-raġel jew il-persona li hu l-vittma jew isofri xi tip ta' dispjaċir. Ħassieba femministi bħal Kate Millet irreaġixxew propju għal din l-ottika maskili adottata minn ċerti kittieba rġiel.

Interessanti wkoll il-mod ambivalenti kif Fenech ġieli jagħti lill-qarrejja x'jifhmu li qiegħed jinħasad b'dak li kien qed iseħħ madwaru fi żmienu, filwaqt li f'mumenti oħrajn qisu jinħakem minn sens ta' avventura. Filwaqt li l-poeta jesplora l-gost li tista' toffri avventura sesswali, fl-istess ħin jikkritika s-sess bla rażan. L-istess jinħass fil-mod kif Fenech jippreżenta żwieġ fallut u tradiment, iżda jikkritika kemm żwieġ sar jintemm malajr. Il-ħsibijiet li jippreżenta Fenech fil-poeżiji ta' mħabba u l-mod kif jaqblu mat-teoriji tal-filosfi minn żmien il-Griegi sas-seklu għoxrin għandhom jagħmlu lil wieħed japprezza l-versatilità ta' Victor Fenech bħala poeta, kemm teoretikament kif ukoll stilistikament.

## Biblijografija


Cixous, Hélène. "Le Rire de la Méduse," *L'Arc*, Vol. 61, 1975, pp. 39-54.

De Beauvoir, Simone. *The Second Sex*. Editjat u tradott minn H. M. Parshley, 1949. Lowe and Brydone Ltd, 1956.

Elliott, B. Jane, u Martin P. M. Richards. "Sex and marriage in the 1960s and 1970s." *Marriage, Domestic Life & Social Change: Writings for Jacqueline Burgoyne (1944-88)*, editjat minn David Clark, Routledge, 1991, pp. 28-46. Aċċessata fid-9 ta' Jannar 2021.

Fenech, Victor. *Il-Poeżiji*. Klabb Kotba Maltin, 2011.

---. *Journey*. Horizons, 2017.

---. *L-Aħħar Rími*. Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1997.

---. *London Pictures and Other Poems*. Cog Press, 1976.

---. *PS: Il-Muża Mħallta*. Horizons, 2018.

---. *Spring Rain/Winter Blues*. Horizons, 2011.

Friggieri, Oliver. *Poeżiji*. Mireva, 1998.

Gibran, Kahlil. *Il-Profeta*. Tradott minn Victor Fenech, Klabb Kotba Maltin, 2008.

Halwani, Raja. *Philosophy of Love, Sex, and Marriage: An Introduction*. Routledge, 2010.

Irigaray, Luce. *The Way of Love*. Tradott minn Heidi Bostic u Stephen Pluháček, Continuum, 2002.

Kristeva, Julia. *Tales of Love*. Tradott minn Leon S. Roudiez, Columbia University Press, 1987.

Kristeva, Julia, u Philippe Sollers. *Marriage as a Fine Art*. Tradott minn Lorna Scott Fox, Columbia University Press, 2016.

Platun. *Symposium*, editjat minn M. C. Howatson u Frisbee C. C. Sheffield. Tradott minn M. C. Howatson, Cambridge University Press, 2008.

Secomb, Linnell. *Philosophy and Love: From Plato to Popular Culture*. Edinburgh University Press Ltd, 2007.

"Victor Fenech – the recipient of Lifetime Achievement Award, NBP 2017." *Youtube*, imtella' minn Malta NBC, 3 Diċembru 2018, www.youtube.com/watch?v=pFsLIoNKuhA. Aċċessata fis-7 t'Ottubru 2020.

ID-DIPARTIMENT TAL-MALTI · IL-FAKULTÀ TAL-ARTI ·